CURIA RATIONUM

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITUR

ISSN 1831-0907

Rapport Speċjali Nru 17 // 2013

# FINANZJAMENT GĦALL-KLIMA MILL-UE FIL-KUNTEST TA' GĦAJNUNA ESTERNA

MT

Rapport Speċjali Nru 17 // 2013

# FINANZJAMENT GĦALL-KLIMA MILL-UE FIL-KUNTEST TA' GĦAJNUNA ESTERNA

(skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE)

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1
Fax +352 4398-46410
E-mail: eca-info@eca.europa.eu
Internet: http://eca.europa.eu

Rapport Speċjali Nru 17 // 2013

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet.
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (http://europa.eu).

Informazzjoni dwar il-katalogar tinsab fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.
Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2014

ISBN 978-92-9241-599-0
doi:10.2865/20126

© L-Unjoni Ewropea, 2014
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

*Printed in Luxembourg*

# WERREJ

Paragrafu


ABBREVJAZZJONIJIET U AKRONOMI

I–VI SOMMARJU EŻEKUTTIV

1–14 INTRODUZZJONI

1–2 SFIDI TAT-TIBDIL FIL-KLIMA

3–6 AĠENDA INTERNAZZJONALI DWAR IT-TIBDIL FIL-KLIMA U L-FINANZJAMENT GĦALL-KLIMA

7–9 POLITIKA TAL-UE DWAR IL-FINANZJAMENT GĦALL-KLIMA FIL-KUNTEST TA' GĦAJNUNA ESTERNA

10–14 FINANZJAMENT GĦALL-KLIMA MILL-UE U MILL-ISTATI MEMBRI FIL-KUNTEST TA' GĦAJNUNA ESTERNA

15–16 AMBITU U APPROĊĊ TAL-AWDITJAR

17–64 OSSERVAZZJONIJIET

17–25 IL-KUMMISSJONI ĠESTIET TAJJEB L-APPOĠĠ RELATAT MAL-KLIMA FFINANZJAT MILL-BAĠIT TAL-UE U MILL-FEŻ

18–20 IL-KUMMISSJONI ŻIEDET IL-PRIJORITÀ MOGĦTIJA LILL-FINANZJAMENT GĦALL-KLIMA

21–25 IL-KUMMISSJONI FASSLET APPOSTA IL-FINANZJAMENT TAGĦHA GĦALL-KLIMA GĦAĊ-ĊIRKUSTANZI SPEĊIFIĊI TAL-PAJJIŻI SIEĦBA

26–64 IL-KOORDINAZZJONI BEJN IL-KUMMISSJONI U L-ISTATI MEMBRI BIEX JASSISTU LIL PAJJIŻI LI QED JIŻVILUPPAW FIT-TWEĠIBA TAGĦHOM DWAR IT-TIBDIL FIL-KLIMA HIJA INADEGWATA

28–39 IL-KOORDINAZZJONI TAL-PROGRAMMI TAL-PAJJIŻI TAL-UE U L-ISTATI MEMBRI TEĦTIEĠ TITJIB

40–41 IL-KUMMISSJONI U L-ISTATI MEMBRI MA QABLUX DWAR KIF GĦANDHA SSIR IŻ-ŻIEDA TAL-FINANZJAMENT GĦALL-KLIMA FUQ TERMINU TWIL

42–51 SISTEMA EFFETTIVA TA' MONITORAĠĠ, TA' RAPPURTAR U TA' VERIFIKAZZJONI GĦADHA MHIX STABBILITA

52–55 IL-PUNT SA FEJN TWETTQET IL-WIEGĦDA TAL-FSF MHUWIEX ĊAR

56–64 IL-KUMMISSJONI U L-ISTATI MEMBRI MA ĦADUX AZZJONI B'MOD KONĠUNT BIEX INAQQSU L-FRAMMENTAZZJONI TAL-FONDI GĦALL-KLIMA

65–69 KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

ANNESS I — IL-PAJJIŻI L-ANQAS ŻVILUPPATI, L-ISTATI GŻEJJER ŻGĦAR LI QED JIŻVILUPPAW U L-AFRIKA

ANNESS II — FINANZJAMENT GĦALL-KLIMA 2003-2012 MILL-EUROPEAID

ANNESS III — FLUSSI TAL-FINANZJAMENT GĦALL-KLIMA 2007-2013 TAL-FINANZJAMENT MILL-UE GĦAL PAJJIŻI LI QED JIŻVILUPPAW

ANNESS IV — METODOLOĠIJA TAL-AWDITJAR U ĠBIR TA' EVIDENZA

ANNESS V — SORSI POTENZJALI PRINĊIPALI TA' DĦUL IDENTIFIKATI MILL-KUMMISSJONI BIEX JIŻDIED IL-FINANZJAMENT GĦALL-KLIMA

ANNESS VI — DEFINIZZJONIJIET UŻATI GĦAL "ĠODDA U ADDIZZJONALI" MILL-KUMMISSJONI U ERBA' STATI MEMBRI TAL-UE MAGĦŻULA GĦALL-AWDITU

RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI U TAS-SEAE

# ABBREVJAZZJONIJIET U AKRONOMI

**AGKTK**: Alleanza Globali Kontra t-Tibdil fil-Klima

**AKP**: Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku

**CCW**: Tieqa għat-Tibdil tal-Klima

**COP**: Konferenza tal-Partijiet

**CTF**: Fond għat-Teknoloġiji Nodfa

**DCI**: Strument ta' finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp

**DIPECHO**: Programm tal-ECHO tal-Istat ta' Tħejjija għad-Diżastri

**DRR**: Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri

**ECHO**: Direttorat Ġenerali għall-Għajnuna Umanitarja u l-Protezzjoni Ċivili

**ENPI**: Strument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija

**ENRTP**: Programm Tematiku Għall-Ambjent u l-Ġestjoni Sostenibbli tar-Riżorsi Naturali inkluża l-Enerġija

**ETS**: Sistema għan-Negozjar ta' Emissjonijiet

**FCPF**: Faċilità ta' Sħubija għall-Karbonju fil-Foresti

**FEŻ**: Fond Ewropew għall-Iżvilupp

**FLEGT**: Programm għall-Infurzar tal-Liġi tal-Foresta, Governanza u Kummerċ

**FMI**: Fond Monetarju Internazzjonali

**FSF**: Finanzjament Rapidu

**FTI**: Inizjattiva b'Ħeffa

**GCF**: Fond Ekoloġiku għall-Klima

**GEEREF**: Fond Globali għall-Effiċjenza Enerġetika u l-Enerġija Rinnovabbli

**GEF**: Fond għall-Ambjent Dinji

**GFDRR**: Faċilità Globali għat-Tnaqqis tad-Diżastri u l-Irkupru

**KEF**: Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju

**KPE**: Kumitat tal-Politika Ekonomika

**LDC**: Pajjiż l-anqas żviluppat

**MMR**: Mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rappurtar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra

**MRV**: Kejl, rappurtar u verifikazzjoni

**NGO**: Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi

**ODA**: Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp

**OECD**: Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi

**QFP**: Qafas Finanzjarju Pluriennali

**REDD**: Tnaqqis ta' Emissjonijiet mid-Deforestazzjoni u d-Degradazzjoni tal-Foresti

**SEAE**: Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

**SIDS**: Stati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw

**UNDP**: Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti

**UNEP**: Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent

**UNFCCC**: Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima

**USD**: Dollaru Amerikan

# SOMMARJU EŻEKUTTIV

**I.**
It-tibdil fil-klima huwa wieħed mill-akbar theddidiet ambjentali, soċjali u ekonomiċi li qed tiffaċċja l-pjaneta. Miljuni ta' nies f'pajjiżi li qed jiżviluppaw jistgħu jiġu mġiegħla jmorru lura għall-faqar permezz tat-tibdil fil-klima li joħloq theddida fundamentali lill-iżvilupp ekonomiku u lill-ilħuq tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju. Pajjiżi żviluppati wiegħdu li jżidu l-appoġġ tagħhom biex jassistu pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-isforzi tagħhom biex jadattaw għal u jimmitigaw l-impatt tat-tibdil fil-klima. Kollettivament, l-UE u l-Istati Membri tagħha huma l-akbar kontributur tal-finanzjament għall-klima għal pajjiżi li qed jiżviluppaw.

**II.**
Il-Qorti awditjat il-provvista tal-finanzjament għall-klima mill-UE għal pajjiżi li qed jiżviluppaw. Hija eżaminat jekk il-Kummissjoni ġestietx tajjeb l-infiq relatat mal-klima mill-baġit tal-UE u mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ). Il-Qorti eżaminat ukoll jekk il-Kummissjoni ħaditx passi xierqa biex tippromwovi koordinazzjoni mal-Istati Membri tal-UE fir-rigward tal-finanzjament għall-klima għal pajjiżi li qed jiżviluppaw; u jekk tali koordinazzjoni kinitx adegwata.

**III.**
Fir-rigward tal-ġestjoni tagħha ta' appoġġ relatat mal-klima ffinanzjat mill-baġit tal-UE u mill-FEŻ, il-Kummissjoni tat prestazzjoni tajba. B'konformità ma' impenji politiċi, il-Kummissjoni żiedet b'mod stabbli l-infiq relatat mal-klima ffinanzjat mill-baġit tal-UE u mill-FEŻ. Hija ffukat fuq prijoritajiet xierqa u fasslet il-programmi tagħha apposta għaċ-ċirkustanzi speċifiċi ta' pajjiżi sieħba individwali.

# SOMMARJU EŻEKUTTIV

**IV.**
Koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri fir-rigward tal-finanzjament għall-klima għal pajjiżi li qed jiżviluppaw hija inadegwata. Il-Kummissjoni ma eżerċitatx tmexxija suffiċjenti f'xi oqsma u l-Istati Membri ma rreaġixxewx b'mod suffiċjenti għal xi wħud mill-inizjattivi tagħha. Jinħtieġu aktar sforzi sinifikanti biex tiġi żgurata l-komplementarjetà bejn il-programmi tal-pajjiżi tal-UE u tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri ma qablux dwar kif għandu jiġi ssodisfat l-impenn għaż-żieda tal-finanzjament għall-klima sal-2020. Għadha ma ġietx stabbilita sistema robusta ta' monitoraġġ, ta' rappurtar u ta' verifikazzjoni li tipprovdi informazzjoni komprensiva u affidabbli dwar l-infiq mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri relatat mal-klima għall-monitoraġġ tal-konformità ma' impenji li saru, u l-punt sa fejn twettqet il-wiegħda tal-FSF mhuwiex ċar. Ma sar l-ebda tentattiv biex titnaqqas il-proliferazzjoni ta' fondi għall-klima. Aktar koordinazzjoni sinifikanti bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri hija meħtieġa biex tipprevieni u tiġġieled kontra l-korruzzjoni.

**V.**
Il-Qorti tikkonkludi li l-Kummissjoni ġestiet tajjeb l-infiq tal-UE relatat mal-klima li sar mill-baġit tal-UE u mill-FEŻ. Madankollu, sabiex l-UE timmasimizza l-impatt internazzjonali tagħha, għandha tittejjeb b'mod konsiderevoli l-koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri fil-finanzjament għall-klima għal pajjiżi li qed jiżviluppaw.

**VI.**
Il-Qorti tirrakkomanda li:

(a) Il-Kummissjoni:

— għandha tipproponi pjan direzzjonali biex jiżdied il-finanzjament għall-klima sabiex tinkiseb il-mira tal-Qbil ta' Kopenħagen 2020;

— għandha twettaq evalwazzjoni indipendenti tal-Alleanza Globali Kontra t-Tibdil fil-Klima;

(b) il-Kummissjoni u s-SEAE:

— għandhom jirrappurtaw dwar il-punt sa fejn il-mira tal-infiq ta' 20 % tal-baġit tal-UE u tal-FEŻ matul il-perjodu 2014 sa 2020 fuq azzjoni relatata mal-klima tiġi implimentata fl-għajnuna għall-iżvilupp;

(c) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri:

— għandhom, fil-qafas tar-Regolament dwar il-Mekkaniżmu għall-Monitoraġġ, jaqblu dwar standards komuni għall-monitoraġġ, għar-rappurtar u għall-verifikazzjoni tal-finanzjament għall-klima għal pajjiżi li qed jiżviluppaw;

— għandhom jintensifikaw il-kooperazzjoni tagħhom biex jimplimentaw il-Kodiċi ta' Kondotta tal-UE dwar it-Tqassim tax-Xogħol fil-qasam tal-finanzjament għall-klima.

# INTRODUZZJONI

## SFIDI TAT-TIBDIL FIL-KLIMA

1. Huwa rikonoxxut b'mod wiesa' li l-attività umana qed ikollha influwenza dejjem aktar avversa fuq il-klima tad-Dinja permezz tal-ħruq ta' karburanti fossili, deforestazzjoni, u biedja tal-bhejjem. It-temperaturi globali medji qed jogħlew, u avvenimenti ta' temp estrem bħal uragani, għargħar u nixfiet qed isiru dejjem aktar komuni. It-tibdil fil-klima għandu impatt dirett fuq is-saħħa, il-ħajjiet u l-għajxien tal-bniedem u għandu impatt indirett fuq is-sigurtà alimentari u fuq il-vijabbiltà ta' ekonomiji bbażati fuq riżorsi naturali.

2. Il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) tinnota li t-tibdil fil-klima għandu l-potenzjal li jdgħajjef l-iżvilupp sostenibbli, li jżid il-faqar u li jdewwem jew jipprevieni r-realizzazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju[1]. Bosta pajjiżi li qed jiżviluppaw huma vulnerabbli għat-tibdil fil-klima: huma ta' spiss ikollhom nuqqas ta' riżorsi suffiċjenti biex ilaħħqu mat-theddidiet li qed jaċċeleraw għall-ilma, l-enerġija, il-ħamrija, il-foresti, l-artijiet mistagħdra, l-organiżmi slavaġ u l-istokkijiet ta' ħut, li huma direttament dipendenti fuqhom għall-għajxien tagħhom.

## AĠENDA INTERNAZZJONALI DWAR IT-TIBDIL FIL-KLIMA U L-FINANZJAMENT GĦALL-KLIMA

3. L-UNFCCC hija l-forum globali għal azzjoni internazzjonali miftiehma biex timmitiga t-tibdil fil-klima u tadatta għall-impatt tiegħu. Prinċipju ewlieni tal-UNFCCC huwa dak ta' responsabbiltà komuni iżda differenzjata: pajjiżi żviluppati għandhom ikunu ta' eżempju fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u fl-appoġġ għal pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-adattament u fl-isforzi ta' mitigazzjoni tagħhom, billi dawn tal-aħħar ikkontribwixxew l-anqas għall-akkumulazzjoni ta' gassijiet serra fl-atmosfera iżda se jkunu l-aktar affettwati. Fi kliem ieħor, min iniġġes għandu jħallas.

4. Sa mill-1995, partijiet għall-UNFCCC iltaqgħu kull sena biex jivvalutaw il-progress waqt li jkun qed jiġi trattat it-tibdil fil-klima. Dawn il-laqgħat huma magħrufa bħala COPs, jew Konferenzi tal-Partijiet. Il-COP l-aktar reċenti saru f'Doha f'Novembru 2012 (il-COP 18) u f'Varsavja f'Novembru 2013 (il-COP 19).

[1] L-UNFCCC, *Climate Change: Impacts, vulnerabilities and adaptation in developing countries* (Tibdil fil-Klima: Impatti, vulnerabbiltajiet u adattament f'pajjiżi li qed jiżviluppaw), 2007, p. 42.

**5.** Fil-COP 15 (Kopenħaġen 2009), il-pajjiżi żviluppati qablu dwar impenn volontarju (Qbil ta' Kopenħagen) għal finanzjament ġdid u addizzjonali biex jappoġġaw pajjiżi li qed jiżviluppaw waqt li jkunu qed jiġu trattati l-isfidi tat-tibdil fil-klima, permezz ta' mitigazzjoni, adattament, żvilupp u trasferiment tat-teknoloġija kif ukoll azzjonijiet għall-bini ta' kapaċità. Il-Qbil kien jinkludi:

(a) impenn fuq terminu qasir, imsejjaħ "Finanzjament Rapidu" (FSF) ta' madwar USD 30 biljun għall-perjodu 2010 sa 2012. L-għan tal-FSF kien li jgħin pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jimplimentaw azzjoni urġenti u immedjata għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u biex ikunu jistgħu jassorbu ammont akbar ta' finanzjament fit-terminu itwal;

(b) impenn fuq terminu itwal biex jiżdied l-ammont ta' finanzjament għall-klima għal USD 100 biljun kull sena sal-2020 minn firxa wiesgħa ta' sorsi ta' finanzjament, pubbliċi u privati, bilaterali u multilaterali, li jinkludu sorsi innovattivi ta' finanzjament.

**6.** Il-COP 16 (Cancún 2010) mibnija fuq il-Qbil ta' Kopenħagen bl-approvazzjoni tal-istabbiliment ta' Fond Ekoloġiku għall-Klima (GCF) globali, biex twassal il-parti l-kbira ta' dan il-finanzjament. Il-COP 16 reġgħet affermat impenji preċedenti li l-finanzjament għall-adattament għat-tibdil fil-klima huwa prijorità għall-pajjiżi l-aktar vulnerabbli li qed jiżviluppaw, jiġifieri l-pajjiżi l-anqas żviluppati (LDCs), l-istati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw (SIDS) u l-Afrika (ara l-***Anness I***).

## POLITIKA TAL-UE DWAR IL-FINANZJAMENT GĦALL-KLIMA FIL-KUNTEST TA' GĦAJNUNA ESTERNA

**7.** Il-politika tal-UE dwar it-tibdil fil-klima għal pajjiżi li qed jiżviluppaw tiddata lura għall-2003[2]. Minn dak iż-żmien 'il hawn, il-politika ġiet aġġornata biex tinkorpora u tenfasizza ċerti oqsma, jiġifieri l-adattament[3] (2004), it-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri[4] (2009), u l-appoġġ għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet u t-trasferiment tat-teknoloġija fis-setturi tal-agrikoltura sostenibbli u tal-enerġija, li jinkludu l-adattament għat-tibdil fil-klima u strateġiji ta' mitigazzjoni[5] (2011).

[2] COM(2003) 85 finali tal-11 ta' Marzu 2003.

[3] Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Nru 15164/04 tal-24 ta' Novembru 2004 dwar Tibdil fil-Klima fil-Kuntest tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (http://consilium.europa.eu).

[4] KUMM(2009) 84 finali tat-23 ta' Frar 2009.

[5] KUMM(2011) 637 finali tat-13 ta' Ottubru 2011.

**8.** It-tibdil fil-klima huwa prijorità importanti tal-politika estera tal-UE. Id-dokument konġunt tal-2011 imħejji mis-SEAE u mill-Kummissjoni wissa li t-tibdil fil-klima għandu implikazzjonijiet importanti għas-sigurtà. Huwa rrikonoxxa r-rwol importanti li r-Rappreżentant Għoli, il-Kummissjoni u s-SEAE jista' jkollhom meta jkunu qed jaħdmu b'mod kollaborattiv mal-Istati Membri fuq id-diplomazija dwar il-klima u ħeġġeġ programmazzjoni konġunta ta' għajnuna mmirata lejn it-tkabbir ta' sinerġiji u l-evitar ta' xogħol doppju[6]. Fl-2003, il-Kunsill stabbilixxa Netwerk Diplomatiku Ekoloġiku tal-UE u sejjaħ għal aġenda dwar id-diplomazija tal-UE fil-qasam tat-tibdil fil-klima li tkun iktar proattiva u mmirata u li hi maħsuba biex timmassimizza l-isforzi kollettivi tagħna u biex tkompli ssaħħaħ il-vuċi tal-UE dwar il-klima b'mod internazzjonali[7].

**9.** Il-koordinazzjoni ta' għajnuna għall-iżvilupp hija responsabbiltà kondiviża bejn l-UE u l-Istati Membri. L-Artikolu 210 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jistipula li dan isir "sabiex tippromwovi l-komplementarjetà u l-effikaċja" u l-Kummissjoni "tista' tieħu kull inizjattiva"[8] għal dan l-iskop. Biex tiżgura tali koordinazzjoni, il-Kummissjoni ffirmat id-Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna (2005) u l-Kunsill adotta l-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp (2006): l-UE u l-Istati Membri tagħha huma impenjati għal promozzjoni aħjar tal-koordinazzjoni u l-komplimentarjetà tad-donaturi u għandu jkollhom rwol ewlieni fl-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi. Fl-2008, il-Kummissjoni u l-Istati Membri varaw l-Inizjattiva b'Ħeffa (FTI) tal-UE dwar it-Tqassim tax-Xogħol biex tittejjeb l-effikaċja bl-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta tal-UE dwar it-Tqassim tax-Xogħol[9].

## FINANZJAMENT GĦALL-KLIMA MILL-UE U MILL-ISTATI MEMBRI FIL-KUNTEST TA' GĦAJNUNA ESTERNA

**10.** L-UE u l-Istati Membri tagħha wiegħdu li jikkontribwixxu EUR 7,2 biljun (USD 10 biljun) għall-inizjattiva tal-FSF (ara l-paragrafu 5), b'allokazzjoni bilanċjata bejn l-adattament u l-miżuri ta' mitigazzjoni, kif meħtieġ mill-ftehim ta' Cancún. Is-sehem mill-Kummissjoni tal-wiegħda totali ammonta għal EUR 150 miljun għall-perjodu 2010-2012.

**11.** L-impenn fuq terminu itwal tal-Qbil ta' Kopenħagen kien li jimmobilizza USD 100 biljun kull sena sal-2020, iżda l-allokazzjoni tiegħu bejn il-pajjiżi żviluppati ma kinitx determinata. Madankollu, il-Kummissjoni tistma li s-sehem mill-UE u mill-Istati Membri f'dan l-isforz globali jinsab bejn 29 % u 38 % tat-total (jiġifieri bejn EUR 22 biljun u EUR 29 biljun)[10].

[6] http://eeas.europa.eu/environment/docs/2011_joint_paper_euclimate_diplomacy_en.pdf

[7] http://consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/EN/foraff/137587.pdf

[8] L-Artikolu 210(1): Sabiex tippromwovi l-komplementarità u l-effikaċja tal-azzjoni tagħhom, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jikkoordinaw il-linji ta' politika tagħhom dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp u għandhom jikkonsultaw lil xulxin dwar il-programmi tagħhom ta' għajnuna, ukoll fl-organizzazzjonijiet internazzjonali u f'konferenzi internazzjonali. Huma jistgħu jieħdu azzjoni konġunta. Jekk ikun meħtieġ, l-Istati Membri għandhom jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-programmi ta' għajnuna tal-Unjoni.
L-Artikolu 210(2): Il-Kummissjoni tista' tieħu kull inizjattiva utli sabiex tippromwovi l-koordinazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

[9] Il-Kunsill tal-Ministri tal-15 ta' Mejju 2007, id-dokument Nru 9558/07.

[10] SEC(2011) 487 finali tat-8 ta' April 2011, p. 18. (http://ec.europa.eu/economy_finance/articles/financial_operations/pdf/sec_2011_487_final_en.pdf).

**12.** Il-finanzjament għall-klima jiġi ffinanzjat mill-Kummissjoni fil-kuntest ta' għajnuna esterna mill-baġit tal-UE u mill-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (FEŻ). Matul il-perjodu 2003-2012 il-EuropeAid impenja madwar EUR 4 650 miljun fil-finanzjament għall-klima u l-ECHO impenjat EUR 155 miljun biex tiffinanzja l-istat ta' tħejjija għad-diżastri relatati mal-klima. Ara l-***Anness II*** għal aktar dettalji.

**13.** Il-finanzjament għall-klima huwa provdut kemm taħt programmi tematiċi[11] kif ukoll programmi ġeografiċi. Il-finanzjament għall-klima mill-Kummissjoni huwa prinċipalment imwassal permezz ta' programmi bilaterali ma' pajjiżi sieħba u organizzazzjonijiet reġjonali. L-***Anness III*** jipprovdi ħarsa ġenerali lejn dawn il-kanali tat-twassil.

**14.** L-appoġġ għall-adattament jimmira li jgħin lil pajjiżi sieħba jibnu reżiljenza għall-effetti avversi ta' tibdil fil-klima. Il-programmi jiffukaw fuq il-protezzjoni tal-infrastruttura, l-industrija u l-agrikoltura kontra x-xejriet tat-temp u l-livelli tal-baħar li tilgħin, kif ukoll investiment fil-ġestjoni tal-ilma u f'għelejjel reżistenti għan-nixfa. L-appoġġ għall-mitigazzjoni jimmira li jħaffef it-tranżizzjoni għal ekonomija globali b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju. Il-programmi jiffukaw fuq l-iżvilupp ta' teknoloġiji ta' enerġija nadifa, effiċjenza enerġetika u t-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra permezz tal-ġestjoni sostenibbli u l-konservazzjoni ta' foresti u tal-ħażniet ta' karbonju.

[11] Fuq kollox, il-programm tematiku għall-Ambjent u l-Ġestjoni Sostenibbli tar-Riżorsi Naturali inkluża l-enerġija (ENRTP) u l-Programm Tematiku għas-Sigurtà Alimentari (FSTP).

# AMBITU U APPROĊĊ TAL-AWDITJAR

**15.** Dan l-awditu jeżamina l-provvista tal-finanzjament għall-klima mill-UE għal pajjiżi li qed jiżviluppaw. Ir-rapport jiffoka fuq iż-żewġ mistoqsijiet li ġejjin:

(a) Il-Kummissjoni ġestiet tajjeb l-appoġġ relatat mal-klima ffinanzjat mill-baġit tal-UE u mill-FEŻ?

(b) Il-Kummissjoni ħadet passi xierqa biex tippromwovi koordinazzjoni mal-Istati Membri tal-UE fir-rigward tal-finanzjament għall-klima għal pajjiżi li qed jiżviluppaw; u tali koordinazzjoni kienet adegwata?

**16.** L-awditu kopra l-inizjattivi mill-Kummissjoni għall-finanzjament għal tibdil fil-klima meħuda fil-perjodu 2007-2013 b'impatt sal-2020. Huwa kien jinvolvi analiżijiet dokumentarji, analiżijiet fl-uffiċċju ta' programmi f'16-il pajjiż u f'2 reġjuni, intervisti u żjarat tal-awditjar fuq il-post lil 4 pajjiżi: il-Bangladexx, l-Indoneżja, it-Tanzanija u l-Uganda. Il-kriterji tal-awditjar u l-metodi tal-ġbir tal-evidenza għall-awditjar huma deskritti f'aktar dettall fl-***Anness IV***.

# OSSERVAZZJONIJIET

## IL-KUMMISSJONI ĠESTIET TAJJEB L-APPOĠĠ RELATAT MAL-KLIMA FFINANZJAT MILL-BAĠIT TAL-UE U MILL-FEŻ

**17.** Din it-taqsima teżamina jekk ir-riżorsi finanzjarji allokati mill-Kummissjoni biex jiġu indirizzati l-isfidi tat-tibdil fil-klima

(a) jirriflettux b'mod adegwat l-impenji tal-politika, u

(b) kinux imfassla apposta għaċ-ċirkustanzi speċifiċi ta' pajjiżi sieħba u reġjuni.

### IL-KUMMISSJONI ŻIEDET IL-PRIJORITÀ MOGĦTIJA LILL-FINANZJAMENT GĦALL-KLIMA

**18.** Il-Kummissjoni żiedet b'mod stabbli l-infiq relatat mal-klima għal pajjiżi li qed jiżviluppaw, permezz tal-baġit ġenerali tal-UE u tal-FEŻ matul il-perjodu ta' 10 snin li ntemm fl-2012 (ara l-***Figura 1***), li kien jinkludi kontribuzzjoni supplimentari ta' EUR 155 miljun provduta taħt l-inizjattiva mill-FSF. Matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, madwar EUR 3,7 biljun ġew impenjati għal programmi relatati mal-klima sa tmiem l-2012, jiġifieri madwar 8 % tat-total tal-baġit tal-UE u tal-finanzjament għall-iżvilupp mill-FEŻ (ara l-***Anness II***, it-***Tabella 1***).

**19.** Għall-perjodu 2014-2020, il-Kunsill Ewropew[12] approva l-immirar ta' mill-anqas 20 % tat-total tal-infiq mill-UE fuq azzjoni relatata mal-klima, u dan jirrifletti l-prijorità strateġika tal-UE biex tindirizza t-tibdil fil-klima. Din il-mira ta' 20 % hija inkluża fl-abbozz tar-Regolament dwar l-Istrument ta' finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI) għall-perjodu 2014 sa 2020[13], u fil-11-il istruzzjoni ta' programmazzjoni tal-FEŻ[14]. Jekk wieħed jassumi li l-mira ta' 20 % ġiet applikata għall-għajnuna esterna kollha, din tirrappreżenta ammont stmat ta' EUR 11,6 biljun għal tibdil fil-klima taħt l-għajnuna esterna, jiġifieri żieda tripla u aktar meta mqabbla mal-ammont impenjat matul il-perjodu 2007-2013.

**20.** L-implimentazzjoni ta' tali impenn tal-politika jkun jeħtieġ sforz konsiderevoli min-naħa tal-Kummissjoni, tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (is-SEAE) u ta' pajjiżi sieħba. Madankollu, diskussjonijiet mad-delegazzjonijiet tal-UE fl-erba' pajjiżi żvelaw li l-ħtieġa li jittieħed kont tal-objettivi tat-tibdil fil-klima fil-programmazzjoni futura ma kinitx qed titqies b'mod sistematiku: fil-Bangladexx, id-delegazzjoni ma kellha l-ebda pjan biex iżżid it-tibdil fil-klima fl-istrateġija ta' kooperazzjoni u fil-programmi, filwaqt li fl-Uganda u fit-Tanzanija dan ġie kkonfermat li huwa l-każ[15].

[12] Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-7/tat-8 ta' Frar 2013 dwar il-QFP 2014-20 (l-EUCO 37/12) il-paragrafu 10: "[...] L-għanijiet (objettivi) tal-azzjoni b'rabta mal-klima se jirrappreżentaw tal-inqas 20 % tal-infiq mill-UE fil-perjodu bejn l-2014 u l-2020 [...]".

[13] KUMM(2011) 840 finali tas-7 ta' Diċembru 2011.

[14] "Instructions for the programming of the 11th EDF and the DCI 2014–2020" (Istruzzjonijiet għall-programmazzjoni tal-11-il FEŻ u tad-DCI 2014-2020) maħruġa mis-SEAE u mill-Kummissjoni Ewropea, datati l-15 ta' Mejju 2012 (ara p. 3, in-nota 2 f'qiegħ il-paġna).

[15] L-Indoneżja hija waħda mid-19-il ekonomija emerġenti li se jaqgħu taħt l-Istrument ta' Sħubija maħluq m'ilux u għalhekk ma tibqax aktar eliġibbli għal għajnuna bilaterali taħt id-DCI mill-2014 'il quddiem:

FIGURA 1

## IMPENJI TA' FINANZJAMENT GĦALL-KLIMA 2003-2012 MILL-EUROPEAID




*Sors:* Il-Kummissjoni Ewropea.

## IL-KUMMISSJONI FASSLET APPOSTA L-FINANZJAMENT TAGĦHA GĦALL-KLIMA GĦAĊ-ĊIRKUSTANZI SPEĊIFIĊI TAL-PAJJIŻI SIEĦBA

**21.** Matul l-2007-2013, il-linji gwida tal-programmazzjoni mill-Kummissjoni kienu jeħtieġu t-twettiq ta' analiżijiet tar-riskji u tal-opportunitajiet relatati mat-tibdil fil-klima għal kull pajjiż sieħeb[16]. Fl-2009 hija ħarġet linji gwida lid-delegazzjonijiet tal-UE li jindikaw kif it-tibdil fil-klima għandu jittieħed inkunsiderazzjoni f'setturi speċifiċi[17].

**22.** Kif innutat fil-paragrafu 6, il-Qbil ta' Kopenħagen u l-COP 16 f'Cancún enfasizzaw il-ħtieġa li tingħata prijorità lil miżuri ta' adattament għal tibdil fil-klima, partikolarment fir-rigward tal-LDCs, is-SIDS u l-pajjiżi Afrikani[18]. Il-Kunsill approva dawn il-prijoritajiet għalkemm mingħajr ma ffissa l-ebda mira kwantifikata[19]. Madankollu, l-impenji ta' finanzjament għall-klima mill-Kummissjoni jirriflettu dawn il-prijoritajiet.

[16] Profili Ambjentali tal-Pajjiż u Profili Ambjentali Reġjonali.

[17] Ġew adottati linji gwida għar-razzjonalizzazzjoni tal-ambjent u t-tibdil fil-klima fl-għajnuna għall-iżvilupp. Inħarġu wkoll linji gwida għal tmien setturi ta' intervent: is-saħħa, l-infrastruttura, l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, il-provvista tal-enerġija, l-edukazzjoni, il-provvista tal-ilma u l-iġjene, in-negozju u l-investiment, u l-ġestjoni tal-iskart solidu.

[18] http://unfccc.int/cooperation_support/financial_mechanism/fast_start_ finance/items/5646.php

[19] Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Nru 15265/1/09 REV1 tal-1 ta' Diċembru 2009, 9437/1/10 REV1 tat-12 ta' Mejju 2010, 14957/10 tal-14 ta' Ottubru 2010 u 15353/11 tal-10 ta' Ottubru 2011 (http://consilium.europa.eu).

**23.** Matul il-perjodu 2003-2012, il-finanzjament għall-adattament irrappreżenta kemxejn anqas minn nofs l-impenji ta' finanzjament għall-klima mill-Kummissjoni (ara l-***Figura 2***) u s-sehem tiegħu kien ogħla sa mill-2010. Matul il-perjodu sħiħ, nofs l-impenji ta' adattament taħt il-programmi tagħha tal-pajjiżi[20] appoġġaw l-isforzi ta' adattament f'LDCs, fis-SIDS u fil-pajjiżi Afrikani (ara t-***Tabella 4*** fl-***Anness II***).

[20] Id-*data* tal-Kummissjoni ma tippermettix li jiġi determinat is-sehem għal-LDCs, għas-SIDS u għall-pajjiżi Afrikani fi programmi reġjonali.

**FIGURA 2**

## RIPARTIZZJONI STMATA BEJN L-ALLOKAZZJONIJIET MILL-EUROPEAID TAL-FINANZJAMENT GĦALL-KLIMA RIGWARD ADATTAMENT U MITIGAZZJONI




*Sors:* Il-Kummissjoni Ewropea. Il-Qorti stmat ir-ripartizzjoni bl-applikazzjoni diretta tal-perċentwali rispettivi għat-total tal-ammont (ara t-***Tabella 3*** fl-***Anness II***).

**24.** Għall-kampjun ta' 16-il pajjiż u 2 reġjuni analizzati, il-Qorti sabet li l-Kummissjoni rriflettiet b'mod adegwat il-prijoritajiet tat-tibdil fil-klima identifikati għall-parti l-kbira tagħhom fil-programmazzjoni tagħha 2007-2013[21]:

(a) il-Kummissjoni qieset b'mod partikolari t-tibdil fil-klima fi 13-il pajjiż u fir-reġjun tal-Asja, fejn kien indirizzat jew bħala settur speċifiku ta' prijorità tal-istrateġija ta' kooperazzjoni tagħha[22] jew inkella taħt settur ieħor ta' prijorità relatat mal-ambjent, mal-ġestjoni tar-riżorsi naturali, mal-iżvilupp rurali jew anke n-negozju u l-investiment[23];

(b) f'ħames pajjiżi[24], l-analiżi ta' nofs it-terminu tal-programmi 2007-2013 irriżultat f'deċiżjonijiet għat-tisħiħ tal-appoġġ relatat mat-tibdil fil-klima permezz ta' żieda ta' oqsma ġodda ta' intervent jew b'żieda tal-ammont ta' finanzjament allokat.

**25.** Meta ħadet is-16-il pajjiż fil-kampjun tagħha, il-Qorti analizzat fid-dettall sottokampjun ieħor ta' 8 pajjiżi u 2 reġjuni[25] dwar jekk l-interventi mill-Kummissjoni relatati mal-klima indirizzawx il-prijoritajiet identifikati milll-pajjiżi sieħba nfushom. Il-Qorti sabet li l-programmi kienu mmirati b'mod xieraq.

## IL-KOORDINAZZJONI BEJN IL-KUMMISSJONI U L-ISTATI MEMBRI BIEX JASSISTU LIL PAJJIŻI LI QED JIŻVILUPPAW FIT-TWEĠIBA TAGĦHOM DWAR IT-TIBDIL FIL-KLIMA HIJA INADEGWATA

**26.** L-Artikolu 210 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jagħti lill-Kummissjoni rwol biex tiġi ottimizzata l-koordinazzjoni bejn l-Unjoni u l-Istati Membri. It-tibdil fil-klima huwa prijorità importanti tal-politika estera tal-UE u l-Kummissjoni ffirmat id-Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna (ara l-paragrafi 8 u 9).

**27.** Din it-taqsima tivvaluta l-progress li sar, f'għadd ta' oqsma, biex jiġi żgurat li l-azzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri huma fil-fatt komplementari u effiċjenti. B'mod partikolari li tagħti ħarsa lejn:

(a) jekk il-Kummissjoni kkoordinatx il-programmi tagħha tal-pajjiżi ma' dawk tal-Istati Membri;

(b) jekk il-Kummissjoni ppromwovietx koordinazzjoni mal-Istati Membri biex tikkonforma mal-impenji fuq terminu twil ta' finanzjament internazzjonali għall-klima kif miftiehem fil-Qbil ta' Kopenħagen 2009;

[21] Ara l-***Anness IV***.

[22] Fiċ-Ċina, fl-Ukraina u l-programmazzjoni reġjonali għall-Asja.

[23] Fil-Bangladexx, fil-Bolivja, fil-Brażil, fl-Etjopja, fil-Gujana, fl-Indoneżja, f'Mali, fil-Marokk u fl-Uganda.

[24] L-Indoneżja, il-Bolivja, iċ-Ċina, l-Ukraina u l-Marokk.

[25] Il-Bangladexx, l-Etjopja, l-Indoneżja, il-Mawrizju, in-Nikaragwa, it-Tanżanija, l-Ukraina u l-Uganda, l-Afrika tal-Lvant u r-reġjuni tal-Asja.

(c) xi nkiseb fir-rigward tal-monitoraġġ, tal-verifikazzjoni u tar-rappurtar dwar il-finanzjament għall-klima mwiegħed u mħallas;

(d) sa liema punt il-progress li sar f'dawn l-oqsma jrendi possibbli l-verifikazzjoni u l-analiżi tal-kontribuzzjonijiet li saru mill-UE u mill-Istati Membri lill-FSF; u

(e) jekk l-UE kkontribwixxietx għas-simplifikazzjoni tal-mekkaniżmi għat-twassil tal-finanzjament għall-klima (it-tnaqqis tal-frammentazzjoni).

## IL-KOORDINAZZJONI TAL-PROGRAMMI TAL-PAJJIŻI TAL-UE U L-ISTATI MEMBRI TEĦTIEĠ TITJIB

**28.** Il-ħtieġa għal koordinazzjoni f'għajnuna esterna bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha ilha tiġi enfasizzata b'mod regolari matul is-snin fil-konklużjonijiet tal-Kunsill[26]. Skont id-Dikjarazzjoni ta' Pariġi u l-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp, l-għajnuna għandha tiġi kkonċentrata f'dawk l-oqsma fejn donatur għandu vantaġġ kumparattiv.

**29.** Il-Kummissjoni u s-SEAE jemmnu li t-tqassim tax-xogħol u l-identifikazzjoni ta' vantaġġi kumparattivi jistgħu jkunu determinati biss fil-livell tal-pajjiż sieħeb u fil-livell speċifiku għall-kuntest. Id-delegazzjonijiet tal-UE huma mistennija li jesploraw it-tqassim tax-xogħol. L-ebda analiżi speċifika ma tiġi mwettqa: vantaġġi kumparattivi ġeneralment jitkejlu permezz tal-kapaċità ta' donatur għar-"razzjonalizzazzjoni" tat-tibdil fil-klima f'settur partikolari, u r-riżorsi umani fil-livelli reġjonali jew ċentrali ma jiġux meħuda inkunsiderazzjoni. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri ma jiskambjawx informazzjoni dwar allokazzjonijiet skont il-pajjiż taħt l-inizjattivi tagħhom tal-finanzjament għall-klima, b'mod partikolari biex jiġu identifikati pajjiżi li fihom hemm trikkib sostanzjali ("pajjiżi preferuti") jew distakki ("orfni tal-għajnuna") f'termini ta' attività tad-donaturi u / jew fil-livell ta' allokazzjonijiet ta' għajnuna. Il-Kodiċi ta' Kondotta tal-UE jħeġġeġ il-komplementarjetà u t-tqassim tax-xogħol fil-politika ta' żvilupp[27].

**30.** It-tielet rapport ta' monitoraġġ u analiżi tal-progress tal-FTI (ara l-paragrafu 9) sab riżultati mħallta[28]. Skema pilota li tinvolvi delegazzjonijiet tal-UE u ambaxxati tal-Istati Membri għal għadd selettiv ta' pajjiżi (inkluż il-Bangladexx) ġiet varata, iżda r-riżultati kienu diżappuntanti għal raġunijiet marbuta kemm mad-donaturi kif ukoll mal-pajjiżi sieħba[29]. Is-sejbiet tal-Qorti jaqblu mal-konklużjonijiet tal-OECD-DAC fl-Evalwazzjoni tagħha bejn il-Pari tal-Unjoni Ewropea (2012) li għaqda ta' ostakoli tekniċi u politiċi fissret li l-istituzzjonijiet tal-UE ma għamlux daqstant progress daqskemm kienu ttamaw fil-programmazzjoni konġunta[30].

[26] Ara, pereżempju, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14.10.2010 (Tħejjijiet għas-16-il sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet (l-COP 16) għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) u s-6 sessjoni tal-Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Kjoto (Cancún, mid-29 ta' Novembru sal-10 ta' Diċembru 2010)).

[27] Ara l-Kodiċi ta' Kondotta tal-UE dwar il-Komplementarjetà u t-Tqassim tax-Xogħol fil-Politika dwar l-Iżvilupp http://register.consilium.europa.eu/pdf/mt/07/st09/st09558.mt07.pdf
Ara wkoll il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-3166 laqgħa tal-Kunsill tal-Affarijiet Barranin tal-14 ta' Mejju 2012.

[28] SEC(2011) 502 final tad-19 ta' April 2011, l-Anness 5.

[29] Inkluż: nuqqas ta' kapaċità jew interess tal-pajjiż sieħeb; nuqqas ta' regoli xierqa ta' governanza; ċirkustanzi kumplessi fil-pajjiż; l-eżistenza ta' mekkaniżmi oħra ta' koordinazzjoni; nuqqas ta' sinkronizzazzjoni ta' aġendi tad-donaturi jew ċikli ta' programmazzjoni; nuqqas ta' trasparenza min-naħa ta' xi donaturi; interessi bilaterali b'saħħithom; u, f'xi każijiet, predominanza ċara tal-UE bħala d-donatur prinċipali.

[30] http://www.oecd.org/dac/peer-reviews/50155818.pdf (p. 22).

**31.** It-tqassim effettiv tax-xogħol u l-komplementarjetà ta' azzjonijiet ta' donaturi huma dipendenti fuq bosta fatturi. Dawn jinkludu:

- Ir-rieda tad-donaturi li jikkooperaw fir-rigward tal-effikaċja tal-għajnuna u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni;
- Ir-rieda tal-awtoritajiet nazzjonali li jikkooperaw;
- Il-preżenza ta' strateġija nazzjonali tal-klima.

Dawn huma eżaminati f'aktar dettall fil-paragrafi 33 sa 39.

**32.** Il-kwalità tal-koordinazzjoni tad-donaturi fir-rigward tat-tibdil fil-klima kienet tvarja fl-erba' pajjiżi miżjura mill-Qorti. Din kienet aħjar fil-Bangladexx, fit-Tanzanija u fl-Uganda milli fl-Indoneżja, iżda l-Qorti sabet li jifdal lok għal azzjoni mtejba mid-delegazzjonijiet tal-UE biex tissaħħaħ il-koordinazzjoni tad-donaturi tal-UE fl-erba' pajjiżi kollha. Il-***Kaxxa 1*** turi eżempju ta' koordinazzjoni inadegwata misjuba matul l-ispezzjoni fuq il-post mill-Qorti fil-Bangladexx.

**KAXXA 1**

## IL-BANGLADEXX: EŻEMPJU TA' PROGRAMMI MHUX KOORDINATI

F'Bainpara, żewġ programmi għall-provvista tal-ilma ġew implimentati kważi simultanjament. Wieħed, iffinanzjat mill-UNICEF, mir-Renju Unit u mill-Oxfam ġie kkompletat fl-2011. L-ieħor, iffinanzjat mill-UE u mir-Renju Unit permezz tal-Programm Komprensiv ta' Ġestjoni tad-Diżastri u tal-aġenżija Ġermaniża għall-iżvilupp[31] ġie kkompletat fl-2012. Koordinazzjoni inadegwata kienet tfisser li ma tqisitx il-possibbiltà li jingħaqad appoġġ mingħand diversi donaturi fi programm wieħed għal approċċ aktar kosteffettiv.

[31] Deutsche Gesellschaft für Technische Zusammenarbeit.

**33.** Ir-rieda tad-donaturi li jikkoordinaw l-isforzi tagħhom tvarja bil-kbir bejn l-erba' pajjiżi miżjura:

(a) fil-Bangladexx, fit-Tanzanija u fl-Uganda, il-finanzjament għall-klima huwa diskuss fi gruppi ta' ħidma tematiċi iżda l-implimentazzjoni ta' programmi mhux dejjem hija kkoordinata tajjeb (ara l-paragrafu 32)[32]. Il-Kapijiet tal-Missjoni tal-UE fil-Bangladexx esprimew dubji dwar il-programmazzjoni konġunta kif stipulata fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill[33];

(b) fl-Indoneżja, teżisti l-kompetizzjoni fost id-donaturi u r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-gvern fir-rigward tat-tibdil fil-klima mhumiex ċari. Fatturi oħra joħolqu sfidi addizzjonali: id-daqs tal-pajjiż, ir-riżorsi naturali konsiderevoli tiegħu u kapaċità finanzjarja li tattira bosta donaturi[34] b'aġendi nazzjonali differenti; xi pajjiżi donaturi jiddominaw bħala "mexxejja naturali" billi jipprovdu ammonti sostanzjali ħafna ta' finanzjament[35].

**34.** Bħal forom oħra ta' għajnuna barranija, il-finanzjament għall-klima huwa vulnerabbli għall-korruzzjoni[36]. Il-Bangladexx, l-Indoneżja, it-Tanzanija u l-Uganda huma kollha affettwati b'mod qawwi minn din il-problema[37]. Il-kooperazzjoni tad-donaturi hija essenzjali biex timminimizza r-riskji ta' korruzzjoni.

**35.** Fl-Uganda, donaturi internazzjonali żviluppaw ir-Rispons Konġunt għall-Korruzzjoni fl-2009. Wara l-iskoperta mill-Awditur Ġenerali tal-Uganda fl-2012 li miljuni ta' USD fi flus tad-donaturi kienu sparixxew, bosta donaturi ssospendew l-għajnuna lill-Uganda, inklużi l-Kummissjoni u l-Istati Membri. Fit-Tanzanija, kien hemm djalogu ta' livell għoli dwar il-korruzzjoni fil-qafas tas-Sħubija ta' Appoġġ għall-Baġit Globali.

**36.** Fil-Bangladexx, fejn il-korruzzjoni ġiet deskritta lill-Qorti bħala "eċċezzjonali" minn donatur maġġuri, żewġ fondi fiduċjarji ġew stabbiliti — wieħed mill-gvern (Fond Fiduċjarju tal-Bangladexx għat-Tibdil fil-Klima), u l-ieħor minn donaturi internazzjonali, inkluża l-UE, biex jiġu limitati r-riskji fiduċjarji (Fond tal-Bangladexx għar-Reżiljenza għat-Tibdil fil-Klima). Fl-Indoneżja, il-parti l-kbira tad-donaturi, inkluża l-UE, għażlu li ma jipparteċipawx fil-Fond Fiduċjarju tal-Indoneżja għat-Tibdil fil-Klima minħabba arranġamenti dgħajfa ta' governanza.

32 Pereżempju, fl-Uganda l-Bank Dinji għandu l-intenzjoni jiffinanzja programm ġdid għall-provvista tal-ilma u l-iġjene għalkemm diġà hemm programm ikkofinanzjat minn donaturi oħrajn, inkluża l-UE, li jaħdem tajjeb.

33 Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Nru 16773/11 tal-14 ta' Novembru 2011.

34 Hemm madwar 50 donatur stabbiliti, skont id-delegazzjoni tal-UE.

35 Pereżempju, filwaqt li l-ODA mill-UE lill-Indoneżja fl-2009-2010 ammontat fuq medja għal USD 109 miljun, il-Ġappun ipprovda USD 1505 miljun, Franza USD 326 miljun, l-Istati Uniti tal-Amerika USD 269 miljun u l-Ġermanja USD 172 miljun. (*Sors:* http://www.oecd.org/dac/stats/IDN.gif).

36 Transparency International, Global Corruption Report: Climate Change (Rapport dwar il-Korruzzjoni Globali: Tibdil fil-Klima) (2011).

37 Skont l-Indiċi dwar il-Perċezzjoni tal-Korruzzjoni ta' Transparency International, l-erbgħa li huma jikklassifikaw fil-baxx fost 176 pajjiż u territorju: It-Tanzanija (102); l-Indoneżja (118); l-Uganda (130); u l-Bangladexx (144) (*Sors:* http://cpi.transparency.org/cpi2012/results/).

**37.** Madankollu, djalogu istituzzjonalizzat simili għal x'hemm stabbilit fl-Uganda u fit-Tanzanija ma ġiex stabbilit fil-Bangladexx u fl-Indoneżja, u lanqas ma ġie propost mill-Kummissjoni. Donaturi f'dawn il-pajjiżi jeħtieġ li jintensifikaw il-koordinazzjoni tagħhom fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni[38].

**38.** Ir-rieda tal-gvernijiet nazzjonali li jkollhom rwol importanti fl-appoġġ għall-koordinazzjoni tad-donaturi u t-tqassim tax-xogħol tinfluwenza bil-kbir l-effikaċja tal-għajnuna. Instabet stampa mħallta fl-erba' pajjiżi miżjura:

(a) il-Gvern tal-Bangladexx jipparteċipa b'mod attiv fil-gruppi sieħba tal-iżvilupp u l-gruppi sussidjarji ta' ħidma tagħhom. Il-Bangladexx kien l-ewwel pajjiż fid-dinja li ppubblika Strateġija ta' Kooperazzjoni Konġunta b'rispons għad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi u l-Aġenda ta' Accra li għenu biex jiżguraw komplementarjetà akbar ta' programmi tad-donaturi[39];

(b) il-Gvernijiet tal-Uganda u tat-Tanzanija jipparteċipaw fi gruppi ta' ħidma tematiċi konġunti bis-sieħba tal-iżvilupp, għalkemm xi ministeri jippreferu jżommu kuntatti bilaterali sabiex jieħdu vantaġġ mill-fehmiet differenti potenzjali fost is-sieħba tal-iżvilupp;

(c) fl-Indoneżja, ir-responsabbiltà għal koordinazzjoni fil-qasam tat-tibdil fil-klima hija kondiviża minn firxa ta' korpi[40], u l-obbligu ta' rendikont għall-koordinazzjoni mhuwiex ċar għad-donaturi.

**39.** Strateġija nazzjonali tal-klima li tkun unika u ċara tista' ssostni s-sjieda nazzjonali u tiffaċilita l-koordinazzjoni tad-donaturi. Il-Bangladexx iservi bħala eżempju ta' prattika tajba, filwaqt li l-Indoneżja għandha bosta strateġiji u politiki intenzjonati. Madankollu, strateġija waħidha mhijiex suffiċjenti biex tiżgura riżultati aħjar[41]. Il-Qorti sabet li, fl-erba' pajjiżi kollha miżjura, in-nuqqas ta' prijoritizzazzjoni fi ħdan il-gvern dgħajjef l-istrateġiji u l-pjanijiet ta' azzjoni għat-tibdil fil-klima.

[38] Il-Qorti indikat f'bosta okkażjonijiet preċedenti li l-Kummissjoni teħtieġ tkun aktar attenta għar-riskji ta' korruzzjoni fl-għajnuna esterna. Ara, pereżempju, ir-Rapport Speċjali Nru 11/2010 dwar il-ġestjoni mill-Kummissjoni tas-sostenn baġitarju ġenerali fil-pajjiżi AKP, tal-Amerika Latina u tal-Asja u r-Rapport Speċjali Nru 4/2013 dwar il-kooperazzjoni tal-UE mal-Eġittu fil-qasam tal-governanza (http://eca.europa.eu).

[39] Madankollu, l-Istrateġija ta' Kooperazzjoni Konġunta ġiet sospiża fl-2011 wara allegazzjonijiet ta' korruzzjoni li jirrelataw ma' programm maġġuri ffinanzjat mill-Bank Dinji.

[40] Bħall-Bappenas (il-Ministeru tal-Ippjanar tal-Iżvilupp Nazzjonali), il-Kunsill Nazzjonali dwar it-Tibdil fil-Klima jew it-Task Force REDD.

[41] Pereżempju, sa mill-2007 l-Indoneżja pproduċiet bosta pjanijiet ta' azzjoni u pjanijiet direzzjonali nazzjonali għal tibdil fil-klima, iżda huma ma jiffaċilitawx il-koordinazzjoni tad-donaturi.

### IL-KUMMISSJONI U L-ISTATI MEMBRI MA QABLUX DWAR KIF GĦANDHA SSIR IŻ-ŻIEDA TAL-FINANZJAMENT GĦALL-KLIMA FUQ TERMINU TWIL

**40.** Il-Kummissjoni żiedet l-isforzi, wara l-Qbil ta' Kopenħagen, għaż-żieda fit-total tal-finanzjament għall-klima mill-UE u mill-Istati Membri billi identifikat sorsi innovattivi potenzjali sabiex tissodisfa l-impenn 2020 (ara l-paragrafi 5 u 11)[42]:

- dħul mill-irkanti taħt is-Sistema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet (EU ETS);
- prezzar tal-karbonju tal-avjazzjoni internazzjonali u t-trasport marittimu;
- Mekkaniżmu ġdid għas-Suq tal-Karbonju;
- imposta fuq is-settur finanzjarju; u
- aċċess għall-finanzjament għall-klima permezz ta' banek multilaterali u banek oħra għall-iżvilupp.

**41.** Il-Kummissjoni ħadet bosta inizjattivi biex tagħmel użu minn dawn is-sorsi innovattivi potenzjali tal-finanzjament b'koordinazzjoni mal-Istati Membri bi gradi ta' suċċess li jvarjaw (ara l-***Anness V***), iżda jifdal sfidi sinifikanti:

(a) il-finanzjament privat huwa mistenni li jifforma l-akbar sors ta' finanzjament għall-klima sabiex jiġi ssodisfat l-impenn taħt il-Qbil ta' Kopenħagen. Madankollu, globalment ma hemm l-ebda qbil dwar liema tipi ta' nfiq jgħoddu bħala finanzjament privat[43]. Minkejja konklużjonijiet ripetuti tal-Kunsill[44] u bosta inizjattivi mill-Kummissjoni[45], il-Kummissjoni u l-Istati Membri ma adottawx pożizzjoni komuni;

(b) minkejja l-impenn tal-Kunsill għal ħidma favur l-identifikazzjoni ta' mogħdija biex jiżdied il-finanzjament għall-klima mill-2013 sal-2020[46], il-Kummissjoni għadha ma pproponietx pjan direzzjonali. X'ammont ta' finanzjament jista' jintuża għal pajjiżi li qed jiżviluppaw u xi jkunu l-kontribuzzjonijiet rispettivi tal-Istati Membri għadhom ma ġewx deċiżi.

[42] SEC(2010) 409 final tal-1 ta' April 2010 u SEC(2011) 487 final tat-8 ta' April 2011.

[43] L-OECD, *Comparing Definitions and Methods to Estimate Mobilised Climate Finance* (Tqabbil ta' Definizzjonijiet u Metodi għall-Istima ta' Finanzjament Mobilizzat għall-Klima), Mejju 2013.

[44] Ara t-3167 konklużjoni tal-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-15 ta' Mejju 2012 jew it-3198 konklużjoni tal-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tat-13 ta' Novembru 2012.

[45] F'Awwissu 2011, il-Kummissjoni varat kwestjonarju għall-Istati Membri dwar id-definizzjoni u r-rwol tal-finanzjament privat għall-klima, iżda anqas minn nofs l-Istati Membri (flimkien mal-BEI) irrispondew. Diskussjonijiet għadhom għaddejjin fil-livell ta' grupp ta' ħidma u dak ta' grupp ta' esperti tal-Kunsill. Minkejja xi progress permezz tal-kondiviżjoni ta' tagħlimiet meħuda bejn l-Istati Membri dwar il-mobilizzazzjoni tal-finanzjament privat, qbil għadu pendenti.

[46] Stqarrija għall-istampa mit-3088 laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tas-17 ta' Mejju 2011 u konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-finanzjament għall-klima tat-3115-il laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-4 ta' Ottubru 2011.

## SISTEMA EFFETTIVA TA' MONITORAĠĠ, TA' RAPPURTAR U TA' VERIFIKAZZJONI GĦADHA MHIX STABBILITA

**42.** Qafas effettiv ta' monitoraġġ, ta' rappurtar u ta' verifikazzjoni jista' jtejjeb l-użu effettiv ta' fondi pubbliċi u privati. Rappurtar tajjeb huwa kritiku għall-bini ta' kunfidenza u fiduċja bejn il-pajjiżi donaturi u dawk riċevituri permezz ta' obbligu ta' rendikont, kredibbiltà u trasparenza imsaħħa.

**43.** Id-dħul fis-seħħ f'Ġunju 2013 ta' mekkaniżmu[47] għall-monitoraġġ u r-rappurtar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra (MMR) ġie eżatt wara l-qafas tal-UNFCCC għar-rappurtar kull sentejn adottat fi Frar 2013[48]. L-MMR imur lil hinn mill-qafas ta' rappurtar tal-UNFCCC sa fejn ikun jeħtieġ l-Istati Membri li jirrappurtaw dwar l-użu tagħhom tad-dħul tal-ETS għall-finanzjament għall-klima kif ukoll il-finanzjament pubbliku kollu (jiġifieri mhux privat) ipprovdut lil pajjiżi li qed jiżviluppaw.

**44.** Madankollu, filwaqt li sar qbil dwar format komuni tar-rappurtar ma sarx qbil dwar standards komuni u definizzjonijiet. Konsegwentement, il-mekkaniżmu ġdid xorta ma laħaqx il-mira li jiżgura kumparabbiltà suffiċjenti ta' *data*. B'mod partikolari, definizzjonijiet nazzjonali diverġenti ta' "ġodda u addizzjonali", l-applikazzjoni tal-Markaturi ta' Rio (Rio Markers) u d-distinzjoni bejn il-promessi u l-pagamenti huma kwistjonijiet li għadhom ma ġewx solvuti — li kollha kemm huma jista' jkollhom effett fuq il-punt sa fejn il-finanzjament internazzjonali għall-klima qed jiżdied b'mod ġenwin.

### ĠODDA U ADDIZZJONALI

**45.** Il-Qbil ta' Kopenħagen 2009 enfasizza l-ħtieġa għal riżorsi ġodda u addizzjonali, għalkemm dan ma kienx definit. Il-Parlament Ewropew appella biex ir-riżorsi tal-UE għal adattament u mitigazzjoni jiġu fuq il-mira tal-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp ta' 0,7 %[49]. Sal-lum ma hemm l-ebda definizzjoni ta' "ġodda u addizzjonali" li sar qbil dwarha b'mod komuni, u d-donaturi (inklużi l-Istati Membri individwali) segwew l-approċċi tagħhom stess[50].

[47] Ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rappurtar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rappurtar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 13).

[48] http://unfccc.int/resource/docs/2012/cop18/eng/08a03.pdf

[49] Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-konferenza dwar it-tibdil fil-klima f'Durban, P7_TA(2011)0504 (16.11.2011).

[50] Rapport 2011 tal-UE dwar l-Obbligu ta' rendikont rigward il-Finanzjament għall-Iżvilupp: Analiżi ta' progress tal-UE u l-Istati Membri tagħha, p. 44 (http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=SEC:2011:0500:FIN:EN:PDF). Ara wkoll, pereżempju, ir-rapport tal-OECD "Development Perspectives for a Post-2012 Climate Financing Architecture" (Perspettivi tal-Iżvilupp għal Arkitettura tal-Finanzjament għall-Klima Wara l-2012), p. 8.

**46.** F'Ġunju 2010 l-Kummissjoni pproponiet approċċ komuni għad-definizzjoni ta' finanzjament "addizzjonali". Madankollu, xi Stati Membri kienu kontra dan. Stħarriġ 2011 tal-Kummissjoni dwar l-Istati Membri żvela d-diversità ta' definizzjonijiet użati. Il-Qorti tista' tikkonferma li, għal erba' Stati Membri eżaminati[51], intużaw approċċi tassew diverġenti għal dak meqjus bħala "ġodda u addizzjonali" (ara l-***Anness VI***).

**47.** Xi kontribuzzjonijiet sinfikanti tal-FSF irrappurtati mill-Istati Membri jinkludu impenji li saru qabel[52]. Xi Stati Membri (pereżempju l-Belġju, Spanja u l-Isvezja) iqisu l-finanzjament għall-GEF bħala parti mill-wegħdiet tagħhom tal-FSF, oħrajn (bħal Franza, il-Finlandja u r-Renju Unit) jgħodduh biss parzjalment, filwaqt li d-Danimarka u l-Ġermanja ma jgħodduh xejn[53].

**MARKATURI TA' RIO**

**48.** Normalment, it-tibdil fil-klima huwa element integrat fi programmi ta' għajnuna li jindirizzaw ukoll objettivi oħra tal-iżvilupp[54]. Għaldaqstant l-identifikazzjoni ta' programmi relatati mat-tibdil fil-klima tinvolvi marġini ta' ġudizzju: il-metodu aċċettat bl-aktar mod wiesa' għas-segwiment tal-infiq għat-tibdil fil-klima huwa l-metodoloġija tal-OECD-DAC tal-"Markaturi ta' Rio" [55].

**49.** Għalkemm kważi l-finanzjament kollu tal-FSF tal-UE huwa pprovdut minn Stati Membri li huma marbuta li japplikaw il-Markaturi ta' Rio fir-rapporti tagħhom lill-OECD-DAC[56], il-Kummissjoni u l-Istati Membri ma qablux dwar sett komuni ta' parametri biex jikkwantifikaw il-komponent tal-finanzjament għall-klima ta' programmi bil-"marka ta' Rio". B'riżultat ta' dan, filwaqt li l-Kummissjoni tapplika l-klassifikazzjoni tagħha stess tal-Markaturi ta' Rio, hija għandha fehim approfondit limitat dwar il-prattiki tal-Istati Membri u, għaldaqstant, ma tistax tkun taf jekk id-*data* rrappurtata hijiex kumparabbli u jekk it-totali jistgħux jiġu rikonċiljati.

[51] Il-Ġermanja, Franza, l-Italja u r-Renju Unit. Il-Qorti għażlet dawn l-erba' Stati Membri abbażi tal-ammonti ogħla pprovduti għal-FSF tal-UE.

[52] Pereżempju, il-lista ta' programmi tal-FSF tal-UE tinkludi kontribuzzjonijiet mingħand l-Istati Membri lill-Fond għat-Teknoloġiji Nodfa, il-Programm Pilota għar-Reżiljenza għall-Klima jew il-Fond għall-Ambjent Dinji (GEF). Madankollu, ir-rapporti tal-fiduċjarji ta' dawn il-fondi ma jirriflettux dawn iż-żidiet.

[53] J. Brown, M. Stadelmann, L. Hörnlein, *Fast-start finance to address climate change: what we know at the mid-point*, Overseas Development Institute, 2011.

[54] Bħall-agrikoltura, l-enerġija jew l-edukazzjoni.

[55] Sa mill-2007, il-Markaturi ta' Rio kienu mandatorji għall-membri tal-OECD-DAC, u b'hekk huma il-metodoloġija aċċettata bl-aktar mod wiesa'.

[56] Erbatax-il Stat Membru mhumiex membri tal-OECD-DAC: Il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Kroazja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja u s-Slovakkja.

**WEGĦDIET, PROMESSI U PAGAMENTI**

**50.** Il-Qbil ta' Kopenħagen ma speċifikax x'għandhom ifissru fir-realtà l-wegħdiet tad-donaturi għaż-żieda fil-finanzjament għall-klima. B'riżultat ta' dan, donaturi (inklużi l-Istati Membri) irrappurtaw l-ammonti tal-FSF tagħhom abbażi ta' promessi (allokazzjonijiet) aktar milli pagamenti attwali fi flus kontanti (żborżamenti). Din il-problema mhijiex limitata għall-UE[57]. Bosta mill-fondi multilaterali ddedikati li permezz tagħhom il-Kummissjoni u l-Istati Membri jwasslu l-finanzjament għall-klima ma jirrappurtawx b'mod konsistenti dwar l-iżborżament tal-finanzjament. F'Mejju 2013, l-OECD irrapporta dwar l-inċertezza dwar xi jfisser it-terminu "timmobilizza" fil-kuntest ta' finanzjament internazzjonali għall-klima u l-implikazzjonijiet li dan jista' jkollu fuq il-fiduċja u t-trasparenza[58].

**51.** Għall-FSF, abbażi tal-analiżi tagħha stess, il-Qorti tistma li, sa min-nofs l-2013, EUR 155 miljun kienu ġew impenjati u EUR 38 miljun kienu tħallsu mill-Kummissjoni.

## IL-PUNT SA FEJN TWETTQET IL-WIEGĦDA TAL-FSF MHUWIEX ĊAR

**52.** L-UE u l-Istati Membri tagħha rrappurtaw kull sena lill-UNFCCC dwar il-kontribuzzjoni tagħhom għal kull waħda mit-tliet snin tal-inizjattiva tal-FSF. Il-Kummissjoni kkumpilat id-*data*, li kopriet il-kontribuzzjonijiet tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri. Kull rapport ġie mbagħad adottat mill-Kunsill u sottomess b'mod konġunt mill-Presidenza tal-UE u mill-Kummissjoni lill-UNFCCC.

**53.** Ir-rapport finali[59], sottomess lill-UNFCCC fid-29 ta' Mejju 2013, jiddikjara li l-UE u l-Istati Membri tagħha mmobilizzaw EUR 7,34 biljun matul il-perjodu 2010 sa 2012. Dan jeċċedi l-impenn kumplessiv ta' EUR 7,2 biljun li sar fl-2009 (ara l-***Figura 3***). Il-Kunsill ikkonkluda li l-impenn kumplessiv kien inkiseb.

[57] Bejn l-2003 u l-2011, il-valur totali tal-fondi mwiegħda għall-klima, approvati għall-infiq u żborżati għall-fondi globali għall-klima f'livell dinji kien ta' USD 30,88 biljun, USD 9,34 biljun, u USD 1,92 biljun rispettivament. *Sors:* "The Atlas of Climate Change", Dow & Downing, 2011. Ċifri miksuba minn www.ClimateFundsUpdate.org

[58] In-nuqqas ta' ċarezza fir-rigward ta' finanzjament "immobilizzat" għall-klima u x'jista' jikkostitwixxi linji gwida xierqa għal kejl, rappurtar u verifikazzjoni (MRV) għandu implikazzjonijiet politiċi importanti fil-kuntest tal-UNFCCC, peress li tali ċarezza hija meħtieġa għall-bini ta' fiduċja u trasparenza, kif ukoll għal titjib ta' obbligu ta' rendikont mutwu. Id-Dokument tal-Grupp ta' Esperti tal-OECD dwar it-Tibdil fil-Klima Nru 2013(2), Mejju 2013.

[59] Kull rapport huwa bbażat fuq *data* aggregata b'anness li jinkludi lista dettaljata ta' azzjonijiet individwali (lista ta' interventi) appoġġata mill-Kummissjoni u l-Istati Membri. Madankollu, il-lista ta' interventi ma tinkludix is-somma tal-azzjonijiet individwali (http://ec.europa.eu/clima/policies/finance/international/faststart/documentation_en.htm).

**54.** Il-Qorti ma setgħetx tirrikonċilja l-ammont irrappurtat ta' EUR 7,34 mad-*data* fil-lista ta' interventi[59]. Il-Qorti stmat li s-somma ta' interventi ammontat għal madwar EUR 5,48 biljun, li rriżultat f'differenza ta' EUR 1,86 biljun (25 % tat-total irrappurtat). Il-Kummissjoni ma analizzatx il-preċiżjoni tas-sottomissjonijiet mill-Istati Membri u mhijiex kapaċi tispjega d-differenzi.

**55.** Minħabba dawn id-differenzi u n-nuqqas ta' definizzjonijiet u metodi komuni għall-identifikazzjoni ta' nfiq relatat mal-klima, il-punt sa fejn l-impenn tal-FSF twettaq mill-UE u mill-Istati Membri tagħha mhuwiex ċar.

**FIGURA 3**

## WEGĦDIET TAL-FSF SKONT ID-DONATUR

*(EUR miljun[1])*




[1] Il-wegħdiet tal-pajjiżi żviluppati ammontaw għal USD 31,2 biljun. Dan l-ammont ġie kkalkulat f'EUR abbażi tar-rata tal-kambju użata mill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jikkonvertu l-wiegħda tagħhom ta' USD 10 biljun għal EUR 7,2 biljun.

*Sors:* http://climateanalytics.org/sites/default/files/attachments/news/20101005_FastStartFinance_update.pdf

## IL-KUMMISSJONI U L-ISTATI MEMBRI MA ĦADUX AZZJONI B'MOD KONĠUNT BIEX INAQQSU L-FRAMMENTAZZJONI TAL-FONDI GĦALL-KLIMA

**56.** Is-snin reċenti raw provvista kotrana dinjija ta' fondi relatati mat-tibdil fil-klima. Din il-proliferazzjoni ta' mekkaniżmi ta' finanzjament qed toħloq sistema fil-biċċa l-kbira frammentata li toħloq sfidi sinifikanti ta' koordinazzjoni, ta' sjieda u ta' obbligu ta' rendikont.

**57.** Ġie stmat mill-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti (UNDP) li hemm aktar minn 50 fond pubbliku internazzjonali, 45 suq tal-karbonju u 6 000 fond privat ta' ekwità li jipprovdu l-finanzjament għal tibdil fil-klima[60], kull wieħed bl-istruttura tal-governanza tiegħu stess. Bħalma jinnota l-Bank Dinji, frammentazzjoni ta' dan it-tip thedded li tnaqqas l-effikaċja kumplessiva tal-finanzjament għall-klima[61]. Id-Dikjarazzjoni ta' Pariġi tiddikjara[62] li d-donaturi għandhom jimmiraw li japplikaw proċeduri komuni u simplifikati biex jevitaw ix-xogħol doppju u biex inaqqsu l-kostijiet tat-tranżazzjonijiet, u l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) wissiet li definizzjoni aktar ċara tar-rwoli rispettivi ta' fondi multilaterali, koordinazzjoni aħjar, jew konsolidazzjoni ta' xi wħud mill-fondi, tista' tkun xierqa[63].

**58.** Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jużaw kemm kanali bilaterali kif ukoll multilaterali biex jiżborżaw il-finanzjament għall-klima. Fl-2010 huma użaw mhux anqas minn 22 kanal multilaterali[64].

**59.** Il-Kummissjoni ma qisitx it-tnaqqas tal-frammentazzjoni tal-fondi għall-klima bħala prijorità waqt it-tfassil tal-programmi tagħha stess. Hija wkoll ma ddiskutietx il-kwistjoni mal-Istati Membri.

**60.** Il-Kummissjoni pproponiet li tinħoloq l-Alleanza Globali Kontra t-Tibdil fil-Klima (AGKTK) bħala r-risposta mill-UE għad-dimensjoni tal-iżvilupp tat-tibdil fil-klima[65]. Il-Kunsill approva din il-proposta f'Novembru 2007, għalkemm huwa nnota l-ħtieġa li jsir "l-aħjar użu" ta' mekkaniżmi diġà eżistenti kemm fil-livell tal-UE kif ukoll dak globali, u enfasizza n-natura "strettament komplementarja" tal-AGKTK għal proċessi u oqfsa li għandhom għaddejjin[66]. Ħames Stati Membri biss għamlu kontribuzzjonijiet (fil-biċċa l-kbira modesti) lill-AGKTK[67], u minkejja bosta tentattivi biex titħeġġeġ parteċipazzjoni akbar, il-Kummissjoni għadha ma rnexxilhiex twessa' l-bażi tal-appoġġ mill-UE għall-inizjattiva emblematika tagħha.

[60] L-UNDP, *Blending Climate Finance through National Climate Funds* (Taħlit tal-Finanzjament għall-Klima permezz ta' Fondi Nazzjonali għall-Klima), 2011, p. 6. Għal analiżi ta' mekkaniżmi multilaterali ta' finanzjament, ara l-OECD, *Development Perspectives for a Post-2010 Climate Financing Architecture*, (Perspettivi tal-Iżvilupp għal Arkitettura tal-Finanzjament għall-Klima Wara l-2012), (http://www.oecd.org/dataoecd/47/52/47115936.pdf).

[61] Il-Bank Dinji, *World Development Report 2010: Development and Climate Change*, (Rapport tal-Iżvilupp Dinji 2010: Żvilupp u Tibdil fil-Klima), 2009.

[62] L-OECD, *The Paris Declaration on Aid Effectiveness* (Id-Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna), 2005, p. 6.

[63] L-OECD, *Development Perspectives for a Post-2012 Climate Financing Architecture* (Perspettivi tal-Iżvilupp għal Arkitettura tal-Finanzjament għall-Klima Wara l-2012), 2011, p. 23.

[64] EU Fast start finance Report for Cancún, (Rapport tal-UE dwar il-finanzjament rapidu għal Cancún), id-Dokument tal-Kunsill Nru 15889/10.

[65] Il-Kummissjoni Ewropea (2008): "Commission Staff Working Document: Implementation Framework of the Global Climate Change Alliance", (Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni: Qafas ta' Implimentazzjoni tal-Alleanza Globali Kontra t-Tibdil fil-Klima), p. 4.

[66] Ara l-Konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni tal-20 ta' Novembru 2007 (http://register.consilium.europa.eu/pdf/mt/07/st15/st15103.mt07.pdf).

[67] L-AGKTK tgħaqqad kontribuzzjonijiet mill-baġit tal-UE (EUR 166 miljun), mill-FEŻ (EUR 40 miljun) u mill-Istati Membri: l-Irlanda (EUR 31 miljun), l-Isvezja (EUR 5,1 miljun), l-Estonja (EUR 0,8 miljun), Ċipru (EUR 0,6 miljun) u r-Repubblika Ċeka (EUR 0,2 miljun).

61. L-AGKTK ma ġietx integrata la fix-xogħol tal-Istati Membri u lanqas fil-programmazzjoni tal-Kummissjoni stess. Il-Kummissjoni ssieltet biex tikkonvinċi lill-Istati Membri dwar il-valur miżjud tal-inizjattiva. L-inkonsistenza tal-Istati Membri fl-approvazzjoni tal-proposta mill-Kummissjoni biex tvara l-AGKTK, filwaqt li sussegwentement wriet riluttanza għal appoġġ attiv tal-inizjattiva, ikkontribwixxiet ukoll għal diskrepanza sinifikanti bejn l-ambizzjonijiet oriġinali u l-kisbiet attwali tal-AGKTK.

62. L-istabbiliment tal-AGKTK fl-2007-2008 sar qabel kemm il-konklużjonijiet mill-Kummissjoni dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Iżvilupp fl-2009 li l-ebda fond vertikali ieħor ma għandu jinħoloq għall-adattament, kif ukoll il-ftehim tal-COP 16 f'Cancún fl-2010 għall-istabbiliment tal-GCF. Madankollu, il-Kummissjoni ma fittxitx li tevalwa mill-ġdid in-neċessità għaż-żamma tal-AGKTK fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi. L-Istati Membri kienu riluttanti wkoll li jinkorporaw jew jagħlqu l-fondi nazzjonali tagħhom għall-klima, jew li jiksbu sinerġiji akbar fosthom, bħala mod kif inaqqsu l-kostijiet tat-tranżazzjonijiet u l-piż amministrattiv għal pajjiżi li qed jiżviluppaw.

63. Il-Fond Ekoloġiku għall-Klima (GCF) ġie stabbilit biex jgħin fl-ilħuq tal-miri tal-Qbil ta' Kopenħagen permezz taż-żieda tal-finanzjament għall-klima għal USD 100 biljun kull sena sal-2020. Kumitat Tranżizzjonali ħejja l-varatura tal-GCF. Xi Stati Membri għamlu kontribuzzjonijiet konġunti (eż. id-Danimarka u l-Pajjiżi l-Baxxi); il-Kummissjoni u Stati Membri oħrajn ikkontribwixxew separatament (eż. il-Ġermanja u r-Renju Unit). L-UE u l-Istati Membri ma ħadux azzjoni b'mod konġunt.

64. Il-Bord ta' Tmexxija tal-GCF huwa responsabbli għal deċiżjonijiet ta' finanzjament, inklużi l-arranġamenti għal twassil. Meta sar qbil dwar il-ħatra ta' rappreżentanti tal-pajjiżi żviluppati għall-Bord f'Mejju 2012, 7 minn 12-il siġġu ġew allokati lill-Istati Membri. Għalkemm il-Kunsill wera appoġġ għall-allokazzjoni ta' siġġu wieħed lill-Kummissjoni bħala r-rappreżentant tal-UE[68], l-Istati Membri ma qablux li jagħmlu dan fil-prattika[69]. Il-Kummissjoni hija n-negozjatur mexxej tal-COP, u l-promotur tal-koordinazzjoni skont it-Trattat u skont il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp, iżda hija mit-tabella fl-akbar fond imfassal għall-indirizzar tat-tibdil fil-klima.

[68] It-3167 laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji, il-15 ta' Mejju 2012.

[69] Il-Federazzjoni Russa u l-Istati Uniti opponew siġġu għall-UE, bir-raġunar li dan jimplika rappreżentazzjoni doppja għal xi wħud mill-Istati Membri.

# KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

**65.** Il-Qorti tikkonkludi li l-Kummissjoni ġestiet tajjeb l-infiq tal-UE relatat mal-klima mill-baġit tal-UE u mill-FEŻ. Madankollu, sabiex l-UE timmassimizza l-impatt internazzjonali tagħha, għandha tittejjeb b'mod konsiderevoli l-koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri fil-finanzjament għall-klima għal pajjiżi li qed jiżviluppaw.

**66.** Fir-rigward tal-ġestjoni tagħha ta' appoġġ relatat mal-klima ffinanzjat mill-baġit tal-UE u mill-FEŻ, il-Kummissjoni tat prestazzjoni tajba. B'konformità ma' impenji politiċi hija żiedet b'mod stabbli l-infiq relatat mal-klima sa mill-2007 u għandha l-intenzjoni li żżid dan il-finanzjament b'mod konsiderevoli matul il-perjodu 2014-2020 (ara l-paragrafi 18 sa 20). Hija ffukat fuq prijoritajiet globali xierqa u fasslet il-programmi tagħha għaċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-pajjiżi sieħba individwali (ara l-paragrafi 21 sa 25).

**67.** Il-Koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri fir-rigward tal-finanzjament għall-klima għal pajjiżi li qed jiżviluppaw hija inadegwata. Il-Kummissjoni ma eżerċitatx tmexxija suffiċjenti f'xi oqsma u l-Istati Membri ma rreaġixxewx b'mod suffiċjenti għal xi wħud mill-inizjattivi tagħha. Minkejja xi titjib fil-koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri matul il-perjodu eżaminat, jinħtieġu aktar sforzi sinifikanti biex jiġi żgurat li l-programmi tal-pajjiżi tal-UE u tal-Istati Membri jkunu komplementari, u biex tiġi pprevenuta u miġġielda l-korruzzjoni (ara l-paragrafi 28 sa 39). Pożizzjonijiet u prattiċi komuni f'għadd ta' kwistjonijiet ewlenin ma ħarġux. Huma ma qablux dwar kif għandhom jiġu ssodisfati l-impenji għaż-żieda tal-finanzjament għall-klima sal-2020; ma hemm l-ebda definizzjoni komuni ta' finanzjament għall-klima u finanzjament privat ġdid u addizzjonali, lanqas applikazzjoni komuni tal-Markaturi ta' Rio biex jiġu identifikati programmi relatati mal-klima (ara l-paragrafi 40 u 41).

**68.** Għadha ma ġietx stabbilita sistema robusta ta' rappurtar li tipprovdi informazzjoni komprensiva u affidabbli dwar l-infiq mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri relatat mal-klima li biha tkun immonitorjata l-konformità mal-impenji ta' finanzjament għall-klima (ara l-paragrafi 42 sa 51) u l-punt sa fejn twettqet il-wiegħda tal-FSF mhuwiex ċar (ara l-paragrafi 52 sa 55). Ma sar l-ebda tentattiv biex titnaqqas il-proliferazzjoni ta' fondi għall-klima, li tinvolvi riskji serji ta' ineffiċjenzi, obbligu ta' rendikont inadegwat u frammentazzjoni ta' għajnuna (ara l-paragrafi 56 sa 64).

**69.** Il-Qorti tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

**RAKKOMANDAZZJONI 1**

Il-Kummissjoni għandha tipproponi pjan direzzjonali biex jiżdied il-finanzjament għall-klima sabiex tinkiseb il-mira tal-Qbil ta' Kopenħagen 2020, inkluża definizzjoni ta' finanzjament privat.

**RAKKOMANDAZZJONI 2**

Sabiex ittejjeb it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont tal-finanzjament għall-klima tal-UE, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom, fil-qafas tar-Regolament dwar il-Mekkaniżmu għall-Monitoraġġ, jaqblu dwar standards komuni għall-monitoraġġ, għar-rappurtar u għall-verifikazzjoni, notevolment fir-rigward tad-definizzjoni ta' ġodda u addizzjonali, l-applikazzjoni tal-Markaturi ta' Rio u r-rappurtar dwar l-iżborżament tal-finanzjament għall-klima.

**RAKKOMANDAZZJONI 3**

Il-Kummissjoni u s-SEAE għandhom jirrappurtaw dwar il-punt sa fejn il-mira tal-UE tal-infiq ta' 20 % tal-baġit tal-UE u tal-FEŻ bejn l-2014 u l-2020 dwar azzjoni relatata mal-klima tiġi implimentata fl-għajnuna għall-iżvilupp, u jispeċifikaw x'ġie impenjat u żborżat.

**RAKKOMANDAZZJONI 4**

Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni indipendenti tal-Alleanza Globali Kontra t-Tibdil fil-Klima, inkluż eżaminar tar-raġuni għalfejn il-parti l-kbira tal-Istati Membri ma għażlux li jikkofinanzjawha.

**RAKKOMANDAZZJONI 5**

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jintensifikaw il-kooperazzjoni tagħhom biex jimplimentaw il-Kodiċi ta' Kondotta tal-UE dwar it-Tqassim tax-Xogħol fil-qasam tal-finanzjament għall-klima, notevolment fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni dwar allokazzjonijiet minn pajjiżi, programmazzjoni konġunta u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-finanzjament għall-klima.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla III, immexxija mis-Sur Karel PINXTEN, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-10 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*

Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
*President*

ANNESS I

## IL-PAJJIŻI L-ANQAS ŻVILUPPATI, L-ISTATI GŻEJJER ŻGĦAR LI QED JIŻVILUPPAW U L-AFRIKA




[1] Membri tan-NU biss.

*Sorsi:* http://www.un.org/special-rep/ohrlls/ohrlls/allcountries-regions.pdf and http://en.wikipedia.org/wiki/List_of_sovereign_states_and_dependent_territories_in_Africa

## FINANZJAMENT GĦALL-KLIMA 2003-2012 MILL-EUROPEAID

Il-finanzjament għall-klima jiġi ffinanzjat mill-Kummissjoni fil-kuntest ta' għajnuna esterna mis-sorsi prinċipali li ġejjin:

(a) il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ), li huwa l-istrument prinċipali ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp mal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) u pajjiżi u territorji extra-Ewropej;

(b) l-Istrument ta' finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI), li jkopri l-Amerika Latina, l-Asja u l-Asja Ċentrali, il-Lvant Nofsani u r-Repubblika tal-Afrika t'Isfel, kif ukoll programmi tematiċi;

(c) l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ENPI) li jkopri l-pajjiżi tal-ENPI u r-Russja;

(d) għajnuna umanitarja wara diżastri naturali, bħall-għargħar fil-Pakistan jew iz-tsunami tal-Oċean Indjan.

Ġie stmat li, matul il-perjodu 2003-2012, l-impenji li saru għall-finanzjament għall-klima taħt għajnuna esterna ġestita mill-EuropeAid ammontaw għal EUR 4 650 miljun. Ripartizzjoni aktar dettaljata ta' dan l-ammont hija provduta fit-***tabelli*** hawn taħt.

### TABELLA 1 - RIPARTIZZJONI TAL-FINANZJAMENT GĦALL-KLIMA MILL-EUROPEAID SKONT L-ISTRUMENT TA' FINANZJAMENT GĦALL-PERJODU 2003-2012

*(EUR miljun)*

| Snin | DCI | ENPI | FEŻ | Total |
|---|---|---|---|---|
| 2003 | 82 | 5 | 33 | 120 |
| 2004 | 247 | 27 | 26 | 300 |
| 2005 | 118 | 5 | 74 | 196 |
| 2006 | 147 | 20 | 94 | 261 |
| 2007 | 125 | 162 | 205 | 492 |
| 2008 | 283 | 63 | 56 | 402 |
| 2009 | 269 | 39 | 436 | 745 |
| 2010 | 267 | 163 | 245 | 675 |
| 2011 | 337 | 123 | 166 | 626 |
| 2012 | 341 | 258 | 234 | 833 |
| **Total** | **2 216** | **864** | **1 570** | **4 650** |

*Nota:* Id-dettall jista' ma jikkorrispondixx għat-totali minħabba l-arrotondament.

[1] Mill-2014 dan se jsir l-Istrument Ewropew ta' Viċinat (ENI).

[2] L-Alġerija, l-Armenja, l-Azerbajġan, il-Belarus, l-Eġittu, il-Ġeorġja, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Lebanon, il-Libja, il-Moldova, il-Marokk, it-Territorji Palestinjani Okkupati, is-Sirja, it-Tuneżija u l-Ukraina.

## TABELLA 2 - RIPARTIZZJONI TAL-FINANZJAMENT GĦALL-KLIMA MILL-EUROPEAID SKONT IŻ-ŻONA ĠEOGRAFIKA

*(EUR miljun)*

| Sena | L-Afrika | L-Asja | L-Amerika Latina | Il-Karibew | L-Ewropa tal-Lvant u r-Russja | Il-Mediterran u l-Lvant Nofsani | L-Oceanja u l-Paċifiku | Bosta reġjuni | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2003 | 22 | 22 | 31 | 17 | 5 | - | 4 | 19 | 120 |
| 2004 | 24 | 82 | 152 | 3 | 4 | 22 | 7 | 6 | 300 |
| 2005 | 88 | 41 | 27 | 1 | 5 | - | 15 | 20 | 196 |
| 2006 | 103 | 25 | 67 | 10 | 15 | 7 | 6 | 28 | 261 |
| 2007 | 118 | 18 | 14 | 62 | 101 | 86 | 19 | 74 | 492 |
| 2008 | 98 | 85 | 13 | 0 | 114 | 41 | 3 | 47 | 402 |
| 2009 | 117 | 55 | 45 | 32 | 1 | 48 | 27 | 419 | 745 |
| 2010 | 204 | 104 | 32 | 9 | 45 | 126 | 32 | 123 | 675 |
| 2011 | 186 | 101 | 28 | 28 | 72 | 47 | 4 | 160 | 626 |
| 2012 | 236 | 100 | 96 | 26 | 98 | 160 | 27 | 90 | 833 |
| **Total** | **1 197** | **633** | **504** | **189** | **460** | **537** | **145** | **986** | **4 650** |

## TABELLA 3 - RIPARTIZZJONI STMATA BEJN ADATTAMENT U MITIGAZZJONI FL-ALLOKAZZJONIJIET TAL-FINANZJAMENT GĦALL-KLIMA MILL-EUROPEAID GĦAL PAJJIŻI LI QED JIŻVILUPPAW

*(EUR miljun)*

| Sena | Adattament | | Mitigazzjoni | | Total[1] |
|---|---|---|---|---|---|
| | ammont | % | ammont | % | ammont |
| 2003 | 68 | 41 % | 100 | 59 % | 120 |
| 2004 | 205 | 41 % | 289 | 59 % | 300 |
| 2005 | 117 | 42 % | 160 | 58 % | 196 |
| 2006 | 117 | 33 % | 233 | 67 % | 261 |
| 2007 | 279 | 39 % | 433 | 61 % | 492 |
| 2008 | 103 | 21 % | 388 | 79 % | 402 |
| 2009 | 269 | 31 % | 588 | 69 % | 745 |
| 2010 | 424 | 54 % | 366 | 46 % | 675 |
| 2011 | 401 | 45 % | 490 | 55 % | 626 |
| 2012 | 621 | 50 % | 618 | 50 % | 833 |
| **Total** | **2 603** | **42 %** | **3 664** | **58 %** | **4 650** |

[1] Xi interventi jikkwalifikaw kemm għall-mitigazzjoni kif ukoll għall-adattament. Għal din ir-raġuni, it-total tal-ammont mhuwiex l-għadd flimkien taż-żewġ kolonni.

*Nota*: Id-dettall jista' ma jikkorrispondix għat-totali minħabba l-arrotondament.
*Sors:* Bażi tad-*data* tal-EuropeAid.

## TABELLA 4 - PIŻ TAL-LDC, TAS-SIDS U TAL-PAJJIŻI AFRIKANI FL-ALLOKAZZJONIJIET TAL-FINANZJAMENT GĦALL-KLIMA MILL-EUROPEAID

*(EUR miljun)*

| Sena | Total tal-Adattament | | | | | Total tal-Finanzjament għall-Klima | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | LDCs, SIDS, Pajjiżi Afrikani | | Pajjiżi Oħra | | Total | LDCs, SIDS, Pajjiżi Afrikani | | Pajjiżi Oħra | | Total[1] |
| | ammont | % | ammont | % | ammont | ammont | % | ammont | % | ammont |
| 2003 | 15 | 38 % | 24 | 62 % | **39** | 24 | 32 % | 51 | 68 % | **75** |
| 2004 | 13 | 7 % | 175 | 93 % | **188** | 27 | 10 % | 235 | 90 % | **262** |
| 2005 | 50 | 78 % | 14 | 22 % | **64** | 64 | 71 % | 26 | 29 % | **90** |
| 2006 | 40 | 56 % | 32 | 44 % | **72** | 66 | 52 % | 62 | 48 % | **128** |
| 2007 | 69 | 67 % | 34 | 33 % | **104** | 160 | 65 % | 87 | 35 % | **247** |
| 2008 | 41 | 60 % | 28 | 40 % | **69** | 97 | 33 % | 195 | 67 % | **291** |
| 2009 | 93 | 93 % | 6 | 7 % | **99** | 179 | 87 % | 26 | 13 % | **206** |
| 2010 | 142 | 58 % | 105 | 42 % | **248** | 148 | 40 % | 225 | 60 % | **373** |
| 2011 | 87 | 67 % | 42 | 33 % | **129** | 127 | 57 % | 94 | 43 % | **221** |
| 2012 | 149 | 69 % | 68 | 31 % | **217** | 162 | 56 % | 125 | 44 % | **287** |
| **Total** | **701** | **57 %** | **529** | **43 %** | **1 230** | **1 054** | **48 %** | **1 125** | **52 %** | **2 179** |

[1] Xi interventi jikkwalifikaw kemm għall-mitigazzjoni kif ukoll għall-adattament. Għal din ir-raġuni, it-total tal-ammont mhuwiex l-għadd flimkien taż-żewġ kolonni.

*Nota*: Id-dettall jista' ma jikkorrispondix għat-totali minħabba l-arrotondament.
*Sors*: Bażi tad-*data* tal-EuropeAid.

## FLUSSI TAL-FINANZJAMENT GĦALL-KLIMA 2007-2013 TAL-FINANZJAMENT MILL-UE GĦAL PAJJIŻI LI QED JIŻVILUPPAW



ANNESS IV

## METODOLOĠIJA TAL-AWDITJAR U ĠBIR TA’ EVIDENZA

Ħarsa ġenerali skematika tal-approċċ tal-awditjar hija inkluża hawn taħt.

### STUDJU PRELIMINARI

1. Qabel ma twettaq l-awditu, tmexxa studju preliminari biex jidentifika r-riskji ewlenin relatati mal-finanzjament għall-klima mill-UE. Dan ix-xogħol esploratorju kien ibbażat fuq riċerka dokumentata u intervisti ma’ membri tal-persunal mill-Kummissjoni, mis-SEAE, mill-NGOs u mis-Segretarjat tal-Kunsill li kienu involuti fl-oqsma prinċipali tal-finanzjament għall-klima lil pajjiżi li qed jiżviluppaw.

### INTERVISTI

2. L-awdituri mexxew intervisti mal-maniġers tal-unitajiet amministrattivi u/jew finanzjarji u l-uffiċjali prinċipali tal-pajjiżi ta’ 17-il dipartiment u ma’ persunal anzjan minn 6 organizzazzjonijiet nongovernattivi. Id-dipartimenti tal-Kummissjoni ntgħażlu għar-responsabbiltajiet speċifiċi tagħhom fl-oqsma tal-ambitu tal-awditjar, filwaqt li l-NGOs intgħażlu bl-objettiv li jinkisbu fehmiet esterni mingħand partijiet oħra involuti fil-finanzjament għall-klima.

- **Mill-Kummissjoni:**

  **Direttorat Ġenerali għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni (DEVCO[1])**
  Direttorat C – It-Tkabbir Sostenibbli u l-Iżvilupp

  **Direttorat Ġenerali għall-Azzjoni Klimatika (CLIMA)**
  Direttorat A – Relazzjonijiet internazzjonali u Strateġija dwar il-Klima
  Direttorat B – Swieq Ewropej u Internazzjonali tal-Karbonju
  Direttorat C – Integrazzjoni tal-Adattament u Teknoloġija b’Emissjonijiet Baxxi ta’ Karbonju

  **Direttorat Ġenerali għall-Għajnuna Umanitarja u l-Protezzjoni Ċivili (ECHO)**
  Direttorat A Unità 4 – Politiki Tematiċi Speċifiċi
  Direttorat B Unità 5 – L-Asja, l-Amerika Latina, il-Karibew, il-Paċifiku
  Direttorat C Unità 2 – Baġit, Awditjar Estern, Informatika

  **Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji (ECFIN)**
  DĠ ECFIN Direttorat D Unità 4 — Globalizzazzjoni - Kummerċ - Żvilupp

[1] Magħruf ukoll bħala l-“EuropeAid”.

- **Mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE):**

  Direttorat Maniġerjali I – Kwistjonijiet Orizzontali – L-Asja u l-Paċifiku
  Direttorat Maniġerjali I.B.1 – Iċ-Ċina, Ħong Kong, il-Makaw, it-Tajwan, il-Mongolja
  Direttorat Maniġerjali V.A.4 – il-pajjiżi tal-Mercosur
  Direttorat Maniġerjali VI.B1 – Kwistjonijiet Globali u l-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu
  Direttorat Maniġerjali għar-Riżorsi, Direttorat A – Finanzi u Appoġġ Korporattiv

- **Mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI):**

  Direttorat għall-Proġetti – Uffiċċju għall-Affarijiet Ambjentali, Klimatiċi u Soċjali
  Direttorat tal-Attivitajiet Barra mill-Unjoni Ewropea u mill-Pajjiżi Kandidati
  Direttorat – Kontroll Finanzjarju

- **Mis-Segretarjat tal-Kunsill:**

  Direttorat E, Unità 1B – Tibdil fil-Klima, Koordinazzjoni, Affarijiet Orizzontali

- **Minn organizzazzjonijiet nongovernattivi (NGOs):**

  Oxfam International (Brussell) u l-uffiċċji tal-Oxfam fil-Bangladexx u fl-Uganda
  CAN Europe u CAN Tanzania (Forum tas-Soċjetà Ċivili dwar it-Tibdil fil-Klima u Netwerk ta' Azzjoni dwar il-Klima tat-Tanzanija)
  WWF (uffiċċji ta' Brussell)
  Concern Worldwide (il-Bangladexx)
  Shushilan (il-Bangladexx)
  World Agroforestry Centre (l-Indoneżja)

## KWESTJONARJU

3. Kwestjonarju bil-miktub intbagħat lil erba' Stati Membri tal-UE għall-kisba ta' informazzjoni u l-fehmiet tagħhom.

ANNESS IV

## GĦAŻLA TA' PAJJIŻI U REĠJUNI

4. Saret għażla ta' 16-il pajjiż u 2 reġjuni għal analiżi fl-uffiċċju. Il-kriterji għall-għażla kienu:

- Koordinazzjoni: pajjiżi fejn jeżistu biżżejjed donaturi biex jiġi vvalutat it-tqassim tax-xogħol fosthom;
- Livell ta' finanzjament għall-klima: pajjiżi li rċevew ammonti sostanzjali fil-finanzjament għall-klima mill-Kummissjoni sa mill-2002;
- Karatteristiċi ta' żvilupp u vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima: pajjiżi f'varjetà ta' sitwazzjonijiet, bħal-LDCs, is-SIDS, il-BRICS[2] u pajjiż li qed jirċievi finanzjament sostanzjali għall-klima minkejja klassifikazzjoni relattivament għolja tal-Indiċi tal-Iżvilupp tal-Bniedem (HDI);
- Distribuzzjoni ġeografika: pajjiżi minn żoni ġeografiċi differenti: l-Afrika, l-Asja u l-Paċifiku, l-Amerika Latina u l-viċinat Ewropew.

5. Il-pajjiżi magħżula kienu l-Bangladexx, il-Bolivja, il-Brażil, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana, iċ-Ċina, l-Etjopja, il-Gujana, l-Indoneżja, Mali, il-Marokk, il-Mawrizju, in-Nikaragwa, it-Tanzanija, l-Uganda, l-Ukraina u l-Vanwatu.

6. L-Afrika tal-Lvant u l-Asja ntgħażlu bħala r-reġjuni li għandhom jiġu analizzati billi rċevew l-ogħla livelli ta' finanzjament għall-klima mill-Kummissjoni.

## KAMPJUNAR

7. Sabiex tiġi ttestjata l-applikazzjoni tal-Markaturi ta' Rio f'konformità mal-impenn tal-FSF tal-Kummissjoni, kampjun aleatorju ta' 10 programmmi (minn total ta' 19) ġew analizzati.

8. L-għażla ta' kanali tat-twassil mill-Kummissjoni ġiet ittestjata abbażi ta' kampjun aleatorju ta' 20 programm relatati mal-klima (inklużi kanali tat-twassil bilaterali u multilaterali).

[2] Il-Brażil, ir-Russja, l-Indja, iċ-Ċina, l-Afrika t'Isfel.

ANNESS IV

## ŻJARAT LIL ERBA' PAJJIŻI SIEĦBA

9. Mis-16-il pajjiż, 4 (il-Bangladexx, l-Indoneżja, it-Tanzanija u l-Uganda) intgħażlu għal żjarat abbażi ta' ammonti għoljin ta' finanzjament u tipi differenti ta' impatti u ħtiġijiet tat-tibdil fil-klima.

10. Matul iż-żjarat, mit-13 sal-25 ta' Jannar 2013, it-tim tal-awditjar intervista rappreżentanti tal-persunal tad-delegazzjoni tal-UE tal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, sħab prinċipali għall-iżvilupp (tal-UE u mhux tal-UE) u rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet nongovernattivi u tas-soċjetà ċivili. Saru żjarat fuq il-post għal programmi magħżula.

**L-awditu eżamina l-provvista tal-finanzjament għall-klima mill-UE għal pajjiżi li qed jiżviluppaw. Dan ġie indirizzat bil-mistoqsijiet li ġejjin:**

| | | |
|---|---|---|
| Objettivi tal-awditjar | Il-Kummissjoni ġestiet tajjeb l-appoġġ relatat mal-klima ffinanzjat mill-baġit tal-UE u mill-FEŻ? | Il-Kummissjoni ħadet passi xierqa biex tippromwovi koordinazzjoni mal-Istati Membri tal-UE fir-rigward tal-finanzjament għall-klima għal pajjiżi li qed jiżviluppaw; u tali koordinazzjoni kienet adegwata? |
| Kriterji tal-awditjar | - Il-Kummissjoni żiedet il-finanzjament tagħha għall-klima, inkluż l-FSF<br>- Il-Kummissjoni identifikat l-isfidi, il-vulnerabbiltajiet u l-opportunitajiet globali tat-tibdil fil-klima fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw<br>- Il-Kummissjoni allokat il-finanzjament tagħha għall-klima skont dawn u l-prijoritajiet tal-politika u b'koordinazzjoni mal-Istati Membri tal-UE | - Il-Kummissjoni kkoordinat mal-Istati Membri tal-UE u ma' donaturi oħra biex tiżgura l-komplementarjetà u t-tqassim tax-xogħol fil-pajjiżi sieħba<br>- Il-Kummissjoni u l-Istati Membri tal-UE identifikaw sorsi innovattivi<br>- Il-Kummissjoni u l-Istati Membri tal-UE huma lesti li b'mod sinifikattiv iżidu l-finanzjament għall-klima bejn l-2014 u l-2020<br>- Ir-rappurtar tal-FSF mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri tal-UE huwa preċiż u kumparabbli<br>- L-ammonti mirhuna tal-FSF tal-UE ġew imwassla<br>- Il-Kummissjoni u l-Istati Membri ħadu azzjoni b'mod konġunt biex jissimplifikaw l-arkitettura tal-finanzjament għall-klima |
| Metodi tal-ġbir tal-evidenza | - Intervisti mas-servizzi tal-Kummissjoni (EuropeAid, CLIMA, ECFIN) u mas-SEAE<br>- Missjonijiet fuq il-post<br>- Intervisti ma' rappreżentanti mid-delegazzjonijiet tal-UE (SEAE, EuropeAid, ECHO), mill-Istati Membri tal-UE, minn donaturi oħra, mill-awtoritajiet nazzjonali u mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili mill-erba' pajjiżi miżjura<br>- Spezzjoni ta' programmi dwar it-tibdil fil-klima u intervisti ma' promoturi u benefiċjarji<br>- Analiżi dokumentarja<br>- Analiżi analitika<br>- Ittestjar (kampjun)<br>- Riċerka fuq l-Internet | - Intervisti mas-servizzi tal-Kummissjoni (EuropeAid, CLIMA, ECFIN) u mas-SEAE<br>- Analiżi dokumentarja<br>- Analiżi analitika<br>- Kwestjonarju lill-Istati Membri magħżula tal-UE |

ANNESS V

## SORSI POTENZJALI PRINĊIPALI TA' DĦUL IDENTIFIKATI MILL-KUMMISSJONI BIEX JIŻDIED IL-FINANZJAMENT GĦALL-KLIMA

| Sors tal-introjtu | Deskrizzjoni | Progress | Dħul annwali stmat |
|---|---|---|---|
| Dħul mill-irkanti taħt is-Sistema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet (ETS) | - L-EU ETS hija waħda mill-aktar skemi avvanzati bbażati fuq is-suq żviluppati sa issa[1] u l-akbar sors kwantifikabbli b'mod ħafif, derivat mill-ipprezzar tal-karbonju.<br>- L-EU ETS ġiet varata fl-2005 u mill-1 ta' Jannar 2013 hija daħlet fil-fażi III, u l-irkanti saru l-metodu ta' inadempjenza għad-distribuzzjoni ta' kwoti tas-$CO_2$.<br>- L-idea hija li, sal-2020, kważi biljun Kwota tal-Unjoni Ewropea jinbiegħu kull sena u jiġġeneraw introjtu għall-Istati Membri.<br>- Dħul mill-irkant ta' kwoti tal-avjazzjoni ilu jiġi inkluż fl-EU ETS mill-1 ta' Jannar 2012 (ara hawn taħt). | It-tielet fażi tal-ETS bdiet fl-1 ta' Jannar 2013. Huwa stipulat li l-Istati Membri jridu jallokaw mill-anqas 50 % tad-dħul mill-irkanti ta' emissjonijiet biex jindirizzaw objettivi tat-tibdil fil-klima, inkluż f'pajjiżi li qed jiżviluppaw.<br>Skont l-istimi tal-Kummissjoni, dan is-sors jista' jiġġenera EUR 20 biljun kull sena. Madankollu, stima valida u affidabbli mhix possibbli minħabba n-natura reċenti tal-inizjattiva, it-tnaqqis reċenti fil-prezzijiet tal-karbonju u ċ-ċaħda mill-Parlament Ewropew ta' proposta mill-Kummissjoni għall-istabbilizzazzjoni tal-livell tal-prezzijiet. Barra minn hekk, billi l-użu minn dan id-dħul jiddependi fuq l-Istati Membri, mhuwiex magħruf is-sehem li jkun allokat lill-finanzjament għall-klima fuq terminu twil f'pajjiżi li qed jiżviluppaw. | EUR 20 biljun sa EUR 30 biljun |
| Prezzar tal-karbonju tal-avjazzjoni internazzjonali u t-trasport marittimu | - Tqegħid ta' prezz (taxxa) fuq emissjonijiet tal-avjazzjoni internazzjonali u dawk marittimi biex b'mod effiċjenti jinkiseb aktar tnaqqis tal-emissjonijiet.<br>- L-idea hija li l-ipprezzar tal-impatt negattiv tal-emissjonijiet jippermetti li jiġi kkoreġut il-falliment tas-suq u joħloq inċentivi xierqa u kosteffettivi għal aktar tnaqqis ta' dawn l-emissjonijiet. | Penali tal-karbonju fuq titjiriet ġew inklużi fil-leġiżlazzjoni tal-UE fl-2008[2] b'effett mill-2013. Dan ikkawża oppożizzjoni soda minn pajjiżi mhux tal-UE, bħall-Istati Uniti u ċ-Ċina, u b'hekk tqajjem dubju dwar il-legalità ta' din l-azzjoni. F'Novembru 2012 wara d-dikjarazzjoni tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) dwar l-intenzjoni tagħha li tibda taħdem lejn soluzzjoni komuni, l-UE ddeċidiet li tipposponi l-infurzar tal-iskema tal-EU ETS għal vjaġġi internazzjonali bl-ajru għal sena waħda, waqt li tfittex ftehim komprensiv taħt il-patroċinju tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO). Jekk ma jinkiseb l-ebda progress sodisfaċenti dwar ftehim globali, l-UE tintroduċi mill-ġdid il-penali. Għandu jkun għal kull Stat Membru li jiddetermina kif juża d-dħul tiegħu mill-iskema tal-avjazzjoni.<br><br>Fir-rigward tal-ipprezzar tal-karbonju fit-trasport marittimu, il-proċess kien aktar bil-mod. F'Ġunju 2013 il-Kummissjoni ppproponiet miżuri biex iġġib l-emissionijiet tat-trasport marittimu fl-ambitu tal-ETS mill-2018 'il quddiem, jekk possibbli taħt l-umbrella tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI). Sal-lum ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni fir-rigward tal-użu mid-dħul mill-iskema marittima. Għaldaqstant ma hemm l-ebda aċċertament dwar l-ammonti li jistgħu jiġu assenjati għall-finanzjament għall-klima għal pajjiżi li qed jiżviluppaw. | Sa USD 24 biljun[3] |
| Mekkaniżmu ġdid għas-Suq tal-Karbonju | - Tnaqqis fil-gassijiet serra sabiex jiġu kumpensati emissjonijiet li jkunu saru bnadi oħra.<br>- Suq tal-karbonju diġà huwa stabbilit u jiġġenera flussi finanzjarji importanti lil pajjiżi li qed jiżviluppaw permezz tal-Mekkaniżmu għal Żvilupp Nadif (CDM).<br>- L-idea hija li jiġi provdut mekkaniżmu ġdid u aktar ambizzjuż għas-suq tal-karbonju bbażat fuq prezzar espliċitu tal-karbonju u għaldaqstant jiġi provdut sors ġdid ta' dħul pubbliku speċjalment fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u li huma ekonomikament aktar avvanzati, u f'setturi internazzjonalment kompetittivi. | F'Novembru 2012, il-Kummissjoni ppubblikat studju dwar l-għażliet tat-tfassil għall-mekkaniżmu l-ġdid għas-suq tal-karbonju li sar qbil dwaru taħt l-UNFCCC bħala bażi għan-negozjati fil-konferenza ta' Doha (il-COP 18 f'Novembru 2012), kif ukoll dokument ta' diskussjoni dwar iż-żieda tal-finanzjament REDD+ ibbażat fuq ir-riżultati. | m/a |

1 Ara studji mill-OECD (http://www.oecd.org/environment/cc/39725657.pdf) u mill-NGOs (http://www.mcc-berlin.net/fileadmin/data/pdf/Publikationen/Tuerk_Sterk_Haites_Mehling_Flachsland_Kimura_Betz_Jotzo_2009_Linking_Emissions_Trading_Schemes.pdf).

2 Id-Direttiva 2008/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE sabiex tinkludi l-attivitajiet tal-avjazzjoni fl-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità (ĠU L 8, 13.1.2009, p. 3).

3 Abbażi tar-Rapport tal-Grupp Konsultattiv ta' Livell Għoli dwar il-Finanzjament marbut mal-ġlieda kontra t-Tibdil fil-Klima tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, il-5 ta' Novembru 2010.

| Sors tal-introjtu | Deskrizzjoni | Progress | Dħul annwali stmat |
|---|---|---|---|
| Tassazzjoni tas-settur finanzjarju | - Diversi għażliet għat-tassazzjoni tas-settur finanzjarju qed jiġu meqjusa (eż. taxxi fuq it-tranżazzjonijiet b'fokus jew mingħajru fuq in-negozjar fil-kambju), u xi wħud diġà qed jiġu applikati f'ċerti Stati Membri. | Fit-28 ta' Settembru 2011, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet Direttiva tal-Kunsill dwar Taxxa armonizzata fuq it-Transazzjonijiet Finanzjarji għall-UE. Il-Kunsill ma adottax din il-proposta, u fit-22 ta' Jannar 2013 11-il Stat Membru talbu lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta ġdida biex tintaxxa l-kummerċ tal-ishma, tal-bonds u tad-derivati taħt il-proċedura ta' kooperazzjoni msaħħa. Il-proposta l-ġdida tal-Kummissjoni ġiet ippreżentata fl-14 ta' Frar 2013. L-imposta hija mistennija li tiġġenera EUR 30 biljun sa EUR 35 biljun kull sena, iżda ma hemm l-ebda indikazzjoni jekk kwalunkwe wieħed mid-dħul miġbur taħt din it-taxxa jiġix immirat lejn l-indirizzar tal-ħtiġijiet ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw[4]. | EUR 30 miljun sa EUR 35 miljun |
| Aktar żieda tal-finanzjament privat | - Ingranaġġ tal-finanzjament privat minn pajjiżi żviluppati biex jikkumplementa l-finanzjament privat domestiku f'pajjiżi li qed jiżviluppaw.<br>- Jekk l-ambjent tan-negozju ġenerali jsir aktar attraenti jista' jinħoloq effett ta' ingranaġġ għall-investiment domestiku u internazzjonali.<br>- Sussidji tar-rata tal-imgħax jistgħu wkoll jgħinu biex itejbu l-profil tar-riskji u r-redditi tal-investimenti.<br>- Sħubiji pubbliċi u privati biex jinfirxu l-ispejjeż u r-riskji tal-finanzjament.<br>- Provvista ta' garanziji għall-appoġġ tal-ħruġ tad-dejn għal proġetti dwar il-klima.<br>- Assistenza teknika biex jiġu pprovduti l-informazzjoni dwar il-proġett u t-tħejjija meħtieġa biex jinġibed l-interess ta' investituri privati. | Bħalissa ma hemm l-ebda approċċ li dwaru sar qbil internazzjonali għall-monitoraġġ u għall-obbligu ta' rendikont għall-benefiċċji netti ta' flussi finanzjarji internazzjonali mis-settur privat għal azzjonijiet klimatiċi f'pajjiżi li qed jiżviluppaw. F'Mejju u f'Novembru 2012 il-Kunsill talab lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jilħqu ftehim komuni dwar id-definizzjoni ta' finanzjament privat għall-klima. Skont il-persunal tal-KPE/KEF, sottogrupp tal-grupp ta' ħidma dwar il-klima (Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Ambjentali Internazzjonali) ivvolontarja li jħares lejn il-kunċett ta' finanzjament privat, iżda huma għadhom fi stadju bikri ħafna. Konsegwentement, għad ma hemm ebda stima tad-dħul potenzjali minn dan is-sors u mis-sehem li jista' jiġi allokat għall-finanzjament għall-klima għal pajjiżi li qed jiżviluppaw. | m/a |
| Aċċess għall-finanzjament għall-klima permezz ta' banek multilaterali u banek oħra tal-iżvilupp. | - Il-katalist għat-twassil ta' fondi minn sorsi pubbliċi u privati lil proġetti importanti ta' investiment.<br>- Banek multilaterali u banek oħra tal-iżvilupp jinkludu l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) u istituzzjonijiet finanzjarji bilaterali (BFI) akbar, bħall-*Agence Française de Développement* (AFD) (Franċiża), il-*Kreditanstalt für Wiederaufbau* (KfW) (Ġermaniża) u n-Nordic Environment Finance Corporation (NEFCO). | Il-Kummissjoni u l-Istati Membri tal-UE stabbilixxew seba' faċilitajiet ta' investiment reġjonali tal-UE[5] li jkopru l-pajjiżi kollha fil-qasam tal-UE tal-kooperazzjoni esterna u s-setturi kollha tal-attività. L-għan huwa li jgħaqqdu ("iħalltu") għotjiet mill-baġit tal-UE, mill-kontribuzzjonijiet tal-FEŻ u tal-Istati Membri b'riżorsi addizzjonali mhux tal-għotjiet (fondi ta' ekwità, garanziji, self, eċċ.), fil-parti l-kbira mill-BEI u banek oħra tal-iżvilupp. F'Novembru 2010, il-Kummissjoni ħabbret il-ħolqien ta' Twieqi għat-Tibdil tal-Klima (CCWs) fi ħdan is-seba' faċilitajiet ta' investiment reġjonali tal-UE, bl-għan li jagħtu appoġġ lill-programmi ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw biex ikunu jistgħu jadattaw ruħhom għall-effetti tat-tibdil fil-klima u jinvestu f'futur b'karbonju baxx[6].<br>Ma hemm l-ebda objettiv jew referenza għal miri biex jiżdied il-finanzjament għall-klima għal pajjiżi li qed jiżviluppaw, fir-rigward tal-faċilitajiet ta' investiment ġestiti mill-BEI. Barra minn hekk, għadu kmieni wisq biex tiġi stabbilita tendenza fil-finanzjament għall-klima fi ħdan il-faċilitajiet ta' investiment, billi s-CCWs inħolqu biss fi tmiem l-2010 u għadd ta' faċilitajiet ta' investiment tvaraw reċentement ħafna. | m/a |

[4] http://ec.europa.eu/taxation_customs/taxation/other_taxes/financial_sector/

[5] Il-Fond Fiduċjarju tal-UE għall-Infrastruttura fl-Afrika (ITF) fl-2007; il-Faċilità ta' Investiment tal-Viċinat (NIF) fl-2008; il-Qafas ta' Investiment tal-Balkani tal-Punent (WBIF) fl-2010; il-Faċilità ta' Investiment għall-Amerika Latina (FIAL) fl-2010; il-Faċilità ta' Investiment għall-Asja Ċentrali (IFCA) fl-2010; il-Faċilità ta' Investiment għall-Karibew (CIF) fl-2012; il-Faċilità ta' Investiment għall-Asja (AIF) fl-2012; il-Faċilità ta' Investiment għall-Paċifiku (IFP) fl-2012.

[6] Ara l-istqarrija għall-istampa tal-Kummissjoni tad-29.11.2010. (http://europa.eu/rapid/press-release_IP-10-1621_mt.htm), li tiddikjara: "Din l-inizjattiva innovattiva se żżid ukoll ir-rappurtaġġ rigward il-finanzi tal-UE marbuta mal-klima kif ukoll it-trasparenza tagħhom."

*Sors:* SEC(2011) 487 final u SEC(2010) 409 final.

## DEFINIZZJONIJIET UŻATI GĦAL "ĠODDA U ADDIZZJONALI" MILL-KUMMISSJONI U ERBA' STATI MEMBRI MAGĦŻULA GĦALL-AWDITU

| | Definizzjoni użata għal rappurtar tal-FSF |
|---|---|
| Il-Kummissjoni Ewropea | - ġdid: jiġi miżjud mal-appoġġ li diġà sar qbil dwaru għal azzjonijiet rilevanti għall-klima (1,2,4)<br>- addizzjonali: jiġi mill-marġni mhux allokata taħt il-livell massimu għall-infiq estern tal-baġit tal-UE u, għaldaqstant, ma jnaqqas jew ma jissostitwixxi l-ebda finanzjament programmat ieħor għall-iżvilupp (b'żieda ma' finanzjament oriġinarjament programmat għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp u azzjonijiet klimatiċi fl-2010-12) (1,4) |
| Il-Ġermanja | - ġdid: finanzjament minn sorsi innovattivi ta' finanzjament (eż. l-irkant ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-Sistema għan-Negozjar ta' Emissjonijiet tal-UE (ETS)) (1)<br>- addizzjonali: finanzjament li huwa b'żieda ma' finanzjament relatat mal-klima meta mqabbel mas-sena referenzjarja 2009 (1,2,4) |
| Franza | - razzjonalizzazzjoni ta' finanzjament għall-iżvilupp u finanzjament għal tibdil fil-klima, l-ebda speċifikazzjoni ta' livelli mira jew addizzjonalità (4)<br>- parti mill-impenn miżjud għal finanzjament għall-klima fi Franza; parzjalment jgħodd lejn l-ODA nazzjonali (2,4) |
| L-Italja | - L-ebda informazzjoni preċiża mogħtija (għaqda ta' diversi definizzjonijiet, eż. b'żieda ma' finanzjament relatat mal-klima f'sena referenzjarja speċifika u/jew mal-finanzjament medju annwali relatat mal-klima matul perjodu referenzjarju speċifiku) (1,4) |
| Ir-Renju Unit | - L-impenn huwa meħud mill-baġit tal-ODA dejjem jogħla fir-Renju Unit, ippjanat li jilħaq iż-0,7 % tal-Introjtu Nazzjonali Gross sal-2013 (1,4) |

*Sorsi:*

(1) EU Member States questionnaire for the 2011 Accountability Report (Kwestjonarju lill-Istati Membri għar-Rapport dwar l-Obbligu ta' Rendikont 2011) (http://ec.europa.eu/europeaid/how/accountability/eu-annual-accountability-reports/country_answers_en.htm).

(2) Ir-Rapport **"**Has the EU kept its Fast-start Climate Finance promises?" ("L-UE żammet il-promessi tagħha dwar il-Finanzjament Rapidu għall-Klima?"), Mejju 2010, CAN Europe u oħrajn.

(3) Informazzjoni mill-websajt varata mill-Ministru tal-Pajjiżi l-Baxxi għall-Ambjent u l-Ippjanar spazjali (www.faststartfinance.org/home).

(4) Studju tal-Parlament Ewropew mid-Direttorat Ġenerali għall-Politika Esterna — Laqgħa ta' informazzjoni dwar il-Finanzjament għal Tibdil fil-Klima: The concept of additionality in the light of the Commission proposal for a development cooperation instrument (DCI) (Il-kunċett tal-addizzjonalità fid-dawl tal-proposta mill-Kummissjoni għal strument tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (DCI) għall-2014-2020), Ġunju 2012.

# RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI U TAS-SEAE

## SOMMARJU EŻEKUTTIV

### IV.

F'Settembru 2013 il-Kummissjoni u l-Istati Membri ssottomettew l-opinjonijiet tagħhom lill-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) dwar l-istrateġiji u l-approċċi għal mobilizzazzjoni akbar ta' finanzjament għall-klima, bħala kontribut għall-impenji magħmula mill-pajjiżi żviluppati kollha għall-2020. Fl-istess kuntest tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima, il-Kummissjoni għamlet diversi sforzi biex tinkludi definizzjoni għall-finanzjament privat għall-klima fil-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Mejju u Ottubru.

Mil-lat tal-Kummissjoni, l-impenn tal-FSF kien issodisfat fil-parametri mogħtija fid-dokumenti relevanti tal-UNFCCC. Naqblu madankollu li ċerti kunċetti metodoloġiċi jeħtieġu aktar xogħol u ftehim fil-livell internazzjonali kif ukoll fil-livell tal-UE biex is-sistema ssir aktar robusta.

Il-Kummissjoni għamlet sforzi biex tnaqqas il-proliferazzjoni ta' fondi għall-klima pereżempju permezz ta' rwol attiv fil-ħidma inizjali biex jitwaqqaf il-Fond Ekoloġiku għall-Klima u b'mod konġunt mal-Istati Membri appoġġat il-pożizzjoni li dan għandu jsir il-kanal ewlieni ta' finanzjament skont il-Konvenzjoni.

### V.

Il-Kummissjoni u s-SEAE jaqblu u se jieħdu inizjattivi biex itejbu l-koordinazzjoni kif definiti hawn taħt.

### VI. (a) L-ewwel inċiż

Il-Kummissjoni taqbel li tagħti bidu għal diskussjoni mal-Istati Membri dwar it-tnedija ta' pjan direzzjonali, iżda d-deċiżjoni aħħarija se tiddependi fuq l-Istati Membri.

### VI. (a) It-tieni inċiż

Il-Kummissjoni taqbel: F'Diċembru 2013 huwa ppjanat li tibda evalwazzjoni indipendenti tal-Alleanza Globali dwar it-Tibdil fil-Klima.

# RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI U TAS-SEAE

## OSSERVAZZJONIJIET

**VI. (b)**
Il-Kummissjoni u s-SEAE jaqblu ma' din ir-Rakkomandazzjoni. Diġà hemm fis-seħħ sistema bażika għar-rappurtar dwar impenji kontra l-mira ta' 20 %.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tinkludi dejta dwar l-impenn rilevanti għall-klima fir-Rapporti Annwali.

**VI. (c) L-ewwel inċiż**
Il-Kummissjoni taqbel ma' din ir-rakkomandazzjoni u se taħdem mal-Istati Membri biex jintlaħaq qbil dwar standard komuni tal-UE għall-Monitoraġġ, ir-Rappurtar u l-Verifika (MRV) tal-finanzjament pubbliku għall-klima fi żmien konvenjenti għar-rapportar tar-Regolament dwar il-Mekkaniżmu ta' Monitoraġġ tal-2014.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se taħdem flimkien mal-Istati Membri biex timplimenta d-deċiżjonijiet reċenti tal-UNFCCC COP 19 (Novembru 2013) dwar r-rapportar fuq il-finanzjament għall-klima kif ukoll fil-kuntest tal-OECD DAC.

**VI. (c) It-tieni inċiż**
Il-Kummissjoni taqbel. Il-Kummissjoni se tfittex li tqiegħed l-iskambju ta' informazzjoni fuq il-livell tal-UE dwar l-appoġġ u koordinazzjoni msaħħa fuq l-aġendi tal-Grupp ta' Esperti dwar il-mezzi ta' Implimentazzjoni u tan-Network Diplomatiku Ekoloġiku.

Il-Kummissjoni ser tipproponi wkoll li tvara dibattitu fis-sottogrupp dwar it-tibdil fil-klima tal-Grupp ta' Esperti dwar Ftehimiet Ambjentali Multilaterali.

**29.**
Il-Kummissjoni u s-SEAE jaqblu li l-koordinazzjoni ta' allokazzjonijiet ta' għajnuna fuq livell globali hija dgħajfa. Il-Kummissjoni u s-SEAE se jfittxu li jtejbu l-livell ta' koordinazzjoni fl-UE rigward il-finanzjament għall-klima fi gruppi ta' esperti rilevanti biex tiżdied il-komplementarjetà tal-isforzi.

**30.**
Il-Kummissjoni u s-SEAE jaqblu li sa tmiem l-2011, l-UE kienet għadha ma għamlitx progress fl-ipprogrammar konġunt daqskemm wieħed kien jittama. Minn dak iż-żmien, f'madwar 40 pajjiż ittieħed l-impenn għal Programmazzjoni Konġunta.

**32.**
Il-Kummissjoni tiċċara li, filwaqt li l-koordinazzjoni tista' tabilħaqq tkun imtejba, saru inizjattivi fl-Indoneżja bħal-laqgħat ta' koordinazzjoni darbtejn fix-xahar tal-UE dwar il-bidla fil-klima, u għalhekk fil-fatt saru ħafna sforzi li jirrigwardaw il-koordinazzjoni.

**Kaxxa 1**
Is-soluzzjoni proposta inizjali (iffinanzjata mir-Renju Unit u l-OXFAM) li diġà qed tiġi implimentata ma kinitx biżżejjed sabiex tkopri d-domanda kollha għall-ilma tax-xorb f'Bainpara u l-inħawi tiegħu, ċirkustanza li ġiegħlet lill-partijiet interessati kollha, inklużi l-benefiċjarji finali, l-aġenziji tal-gvern u tad-donaturi, isibu soluzzjoni iktar wiesgħa (ikkofinanzjata mill-UE). Wara din l-esperjenza, il-koordinazzjoni bejn il-partijiet interessati ġiet definittivament imsaħħa.

**33. (a)**
Minn nofs l-2015, l-għajnuna tal-UE se tiġi ssinkronizzata mas-7 Pjan ta' Ħames Snin tal-Bangladexx 2015-2020 u l-UE hija impenjata biex tniedi programmazzjoni konġunta f'oqsma magħżula ma' Stati Membri tal-UE li huma interessati. Dan se jeħtieġ rieżami tal-MIP 2014-2020 għall-ħames snin li jifdal, inklużi emendi possibbli.

# RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI U TAS-SEAE

**34.**
Il-Kummissjoni u s-SEAE jisħqu li huwa l-għadd ta' donaturi — pjuttost milli kompetizzjoni bejniethom — li jagħmel il-koordinazzjoni diffiċli, minbarra l-isfida ewlenija li hija n-nuqqas ta' koordinazzjoni mmexxija mill-gvernijiet.

**35.**
Preċiżament għal din ir-raġuni ħafna mill-finanzjament tal-klima fil-Bangladexx huwa ttrattat separatament (jiġifieri, jew permezz ta' proġetti ġestiti minn donaturi jew permezz ta' fondi fiduċjarji ġestiti mill-Bank Dinji, ara hawn taħt).

**37.**
Fl-Indoneżja, hemm sforz konġunt mill-imsieħba għall-iżvilupp fuq kwistjonijiet kontra l-korruzzjoni permezz tal-Faċilità ta' Appoġġ ta' PNPM (PSF), fond fiduċjarju b'aktar minn donatur wieħed amministrat mill-Bank Dinji.

**39.**
Il-Kummissjoni tappoġġa lill-gvernijiet biex jindirizzaw il-kwistjoni tal-prijoritizzazzjoni u l-koordinazzjoni pereżempju permezz tal-Alleanza Globali dwar it-Tibdil fil-Klima (GCCA). Eżempji ta' pajjiżi fejn il-GCCA tappoġġa t-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' koordinazzjoni tal-gvern huma: in-Nepal, il-Kambodja, il-Gujana, is-Seychelles u l-Gżejjer Solomon, il-Butan, iċ-Ċad, il-Lesoto, il-Gambja.

**41.**
Il-konklużjonijiet tal-Kunsill ECOFIN tal-15.10.2013 jiddikjaraw "li l-UE u l-Istati Membri ħadu l-impenn li jżidu l-mobilizzazzjoni tal-finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima fil-kuntest ta' azzjonijiet ta' mitigazzjoni sinifikanti u trasparenza tal-implimentazzjoni, sabiex jikkontribwixxu sehemhom mill-għan tal-pajjiżi żviluppati li jimmobilizzaw b'mod konġunt USD 100 biljun fis-sena sal-2020 minn varjetà wiesgħa ta' sorsi...". Il-Kummissjoni diġà qed tiżviluppa viżjoni tal-UE dwar iż-żieda fil-finanzjamenti għat-tibdil fil-klima sal-2020. F'Settembru 2013 l-UE u l-Istati Membri ssottomettew lill-UNFCCC il-fehmiet tagħhom dwar strateġiji u approċċi għall-mobilizzazzjoni ta' żieda fil-finanzjament għall-klima. Dawn huma disponibbli fuq:
http://unfccc.int/files/documentation/submissions_from_parties/application/pdf/cop_suf_eu_02092013.pdf

**41. (a)**
Għal dak li jirrigwarda definizzjoni għall-finanzjament privat għall-klima, saru diskussjonijiet fil-kuntest tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika u se jkomplu fuq il-bażi tar-riżultati tal-Konferenza tal-Partijiet tal-UNFCCC li saret bejn il-11 u t- 22 ta' Novembru 2013 f'Varsavja.

**41. (b)**
Kull Stat Membru tal-UE li hu żviluppat ħa l-impenn li jżid il-finanzjament għall-klima. Barra minn hekk, il-USD 100 biljun f'impenn jikkonċernaw il-pajjiżi żviluppati kollha tad-dinja. Il-pjan direzzjonali tal-UE għalhekk la huwa kundizzjoni għal żieda fil-finanzjamenti għall-klima minn Stati Membri individwali u lanqas jista' jitqies separatament mill-kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi żviluppati oħrajn.

Deċiżjoni finali dwar il-pjan direzzjonali se tiddependi fuq l-Istati Membri.

**44.**
Hemm differenza bejn "wegħdiet" u "impenji". Il-Kummissjoni tapplika l-indikaturi ta' Rio għal fondi impenjati, jiġifieri ladarba d-deċiżjoni finanzjarja tkun ittieħdet. Għalhekk din hi garanzija li l-ħlas se jsir. Barra minn hekk, is-Sistema ta' Informazzjoni Komuni Relex (CRIS) tippermetti wkoll lill-Kummissjoni sabiex tipprovdi ħlasijiet jekk mitluba mill-qafas ta' rappurtar.

**49.**
Il-Kummissjoni taqbel li l-Istati Membri jużaw approċċi differenti biex jikkwantifikaw l-infiq fil-klima imsejjes fuq l-indikaturi ta' Rio. Fl-OECD DAC u l-UE jinsabu għaddejjin sforzi biex janalizzaw l-approċċi differenti fid-dawl ta' armonizzazzjoni futura.

**54.**
L-ammont aggregat ta' EUR 7,34 biljun ġie kkalkulat mill-Kummissjoni bbażat fuq iċ-ċifra aggregata annwali kif irrappurtata minn kull Stat Membru, kompletament konformi mal-mandat tal-Kummissjoni f'kompetenzi kondiviżi.

Minħabba li l-lista ta' eżempji ta' interventi użata mill-Qorti ma kinitx mistennija li tkun eżawrjenti, hija ovvjament ma tistax tiġi rrikonċiljata mal-ammont totali rrappurtat.

Il-lista ta' eżempji ta' interventi hija miġbura mill-Kummissjoni abbażi ta' dejta tal-Istati Membri u tipprovdi rikkezza ta' **eżempji ta' proġetti** kif indikat b'mod ċar fuq il-websajt tal-Kummissjoni u fit-titlu tat-tabella.

# RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI U TAS-SEAE

**55.**
L-impenn tal-FSF kien issodisfat fil-parametri mogħtija fid-dokumenti rilevanti tal-UNFCCC.

**59.**
Il-Kummissjoni għamlet sforzi biex tnaqqas il-proliferazzjoni ta' fondi għall-klima pereżempju permezz ta' rwol attiv fil-ħidma inizjali biex jitwaqqaf il-Fond Ekoloġiku għall-Klima u b'mod konġunt mal-Istati Membri appoġġat il-pożizzjoni li dan għandu jsir il-kanal ewlieni ta' finanzjament skont il-Konvenzjoni. Hemm djalogu u kooperazzjoni regolari tal-esperti bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri dwar il-finanzjament għall-klima f'għadd ta' gruppi ta' ħidma permanenti tal-UE.

**61.**
Il-Kummissjoni integrat il-GCCA fl-ipprogrammar tagħha stess. L-interventi fil-GCCA inkluż l-appoġġ għall-inizjattiva globali huma impenjati, approvati u rrapportati skont il-programm tematiku għall-Ambjent u l-Ġestjoni Sostenibbli tar-Riżorsi Naturali fosthom l-Enerġija (ENRTP) u għall-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp.

Ħames Stati Membri tal-UE ikkofinanzjaw il-GCCA b'inizjattiva tal-Kummissjoni. Il-GCCA pprovda kanal effettiv biex jitwassal finanzjament rapidu lil għadd ta' Stati Membri tal-UE (EUR 31 miljun mill-Irlanda, EUR 1,2 miljun minn Ċipru u EUR 0,8 miljun mill-Estonja).

Barra minn hekk, il-GCCA jikkofinanzja interventi individwali ma' seba' Stati Membri tal-UE.

**62.**
Il-Kummissjoni żammet il-GCCA għar-raġunijiet li ġejjin:

1. Barra milli tagħti appoġġ finanzjarju, il-GCCA tipprovdi appoġġ tekniku u pjattaforma għad-djalogu u l-iskambju ta' esperjenza.

2. Il-GCCA isservi wkoll bħala katalista biex tkompli tintegra t-tibdil fil-klima fl-għajnuna għall-iżvilupp regolari tal-UE. In-natura tagħha hija għalhekk differenti minn fondi vertikali oħra.

3. Il-Fond Ekoloġiku għall-Klima għadu mhux operattiv.

Biex tindirizza l-piż amministrattiv għal pajjiżi li qed jiżviluppaw il-GCCA ġiet adattata, pereżempju billi l-programmi tal-GCCA jiġu allinjati ma' programmi u strateġiji nazzjonali u b'enfasi fuq l-integrazzjoni tat-tibdil fil-klima fil-proċessi ta' żvilupp nazzjonali.

# RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI U TAS-SEAE

## KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

**65.**
Il-Kummissjoni u s-SEAE jaqblu u se jieħdu inizjattivi biex itejbu l-koordinazzjoni kif definit hawn taħt.

**67.**
Il-Kummissjoni u l-SEAE se jkomplu jsaħħu l-isforzi biex itejbu l-koordinazzjoni dwar il-finanzjament għall-klima mal-Istati Membri, fil-kuntest ta' gruppi ta' esperti eżistenti (pereżempju l-Kumitat tal-Politika Ekonomika (EPC), il-Grupp ta' Esperti dwar il-mezzi ta' Implimentazzjoni (EGI), il-Grupp ta' Esperti dwar l-Adattament (EGA)).

**68.**
Il-Kummissjoni għamlet sforzi biex tnaqqas il-proliferazzjoni ta' fondi għall-klima pereżempju permezz ta' rwol attiv fil-ħidma inizjali biex jitwaqqaf il-Fond Ekoloġiku għall-Klima u b'mod konġunt mal-Istati Membri appoġġat il-pożizzjoni li dan għandu jsir il-kanal ewlieni ta' finanzjament skont il-Konvenzjoni.

**Rakkomandazzjoni 1**
Il-Kummissjoni taqbel li tagħti bidu għal diskussjoni mal-Istati Membri dwar it-tnedija ta' pjan direzzjonali, iżda d-deċiżjoni aħħarija se tiddependi fuq l-Istati Membri.

**Rakkomandazzjoni 2**
Il-Kummissjoni taqbel ma' din ir-rakkomandazzjoni u se taħdem mal-Istati Membri biex jinstab qbil dwar standard komuni tal-UE għall-MRV tal-finanzjament pubbliku għall-klima għar-rapportar tar-Regolament dwar il-Mekkaniżmu ta' Monitoraġġ tal-2014.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se taħdem flimkien mal-Istati Membri biex timplimenta d-deċiżjonijiet reċenti tal-UNFCCC COP 19 (Novembru 2013) dwar r-rapportar fuq il-finanzjament għall-klima kif ukoll fil-kuntest tal-OECD DAC.

**Rakkomandazzjoni 3**
Il-Kummissjoni u s-SEAE jaqblu ma' din ir-Rakkomandazzjoni. Diġà hemm fis-seħħ sistema bażika għar-rappurtar dwar l-impenji fl-isfond tal-mira ta' 20 %. Fi żmien massimu ta' 12-il xahar il-Kummissjoni se twettaq rieżami tas-sistema ta' indikaturi ta' Rio bil-għan li tidentifika d-dgħufijiet u tipproponi azzjonijiet biex tittejjeb l-applikazzjoni tas-sistema.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tinkludi dejta dwar impenji rilevanti għall-klima fir-Rapporti Annwali.

**Rakkomandazzjoni 4**
Il-Kummissjoni taqbel mar-rakkomandazzjoni. Evalwazzjoni indipendenti tal-Alleanza Globali dwar it-Tibdil fil-Klima hija ppjanata li tibda f'Diċembru 2013.

**Rakkomandazzjoni 5**
Il-Kummissjoni taqbel mar-rakkomandazzjoni u se tfittex li tqiegħed l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-appoġġ u koordinazzjoni msaħħa fil-livell tal-UE fuq l-aġendi tal-Grupp ta' Esperti dwar il-mezzi ta' implimentazzjoni (EGI) u n-network Diplomatiku Ekoloġiku.

Il-Kummissjoni ser tipproponi wkoll li tvara dibattitu fis-sottogrupp dwar it-tibdil fil-klima tal-Grupp ta' Esperti dwar Ftehimiet Ambjentali Multilaterali.

Il-Qorti Ewropea Tal-Awdituri

**Rapport Speċjali Nru 17/2013**
**Finanzjament għall-klima mill-UE fil-kuntest ta' għajnuna esterna**

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

2014 — 48 pp. — 21 × 29.7 cm

ISBN 978-92-9241-599-0
doi:10.2865/20126

## KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

**Pubblikazzjonijiet bla ħlas:**

- kopja waħda:
  permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:
  mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/represent_mt.htm),
  mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE (http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm),
  billi tikkuntattja s-servizz Europe Direct (http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm)
  jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (*).

(*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

**Pubblikazzjonijiet bi ħlas:**

- permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu).

**Abbonamenti bi ħlas:**

- mingħand l-aġenti tal-bejgħ tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm).

QJ-AB-13-018-MT-C

IT-TIBDIL FIL-KLIMA JOĦLOQ THEDDIDA FUNDAMENTALI LILL-IŻVILUPP EKONOMIKU TA' PAJJIŻI LI QED JIŻVILUPPAW U LILL-ILĦUQ TAGĦHOM TAL-GĦANIJIET TA' ŻVILUPP TAL-MILLENNJU. L-UE U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA HUMA FOST IL-FORNITURI PRINĊIPALI TAL-FINANZJAMENT INTERNAZZJONALI GĦALL-KLIMA. IR-RAPPORT JIKKONKLUDI LI L-KUMMISSJONI ĠESTIET TAJJEB L-APPOĠĠ RELATAT MAL-KLIMA FFINANZJAT MILL-BAĠIT TAL-UE U MILL-FEŻ LIL PAJJIŻI LI QED JIŻVILUPPAW. MADANKOLLU, TITJIB KONSIDEREVOLI FIL-KOORDINAZZJONI BEJN IL-KUMMISSJONI U L-ISTATI MEMBRI TAL-UE HUWA MEĦTIEĠ BIEX JIMMASSIMIZZA L-IMPATT TAL-FINANZJAMENT GĦALL-KLIMA MILL-UE: TITJIB TAL-KOMPLEMENTARJETÀ TAL-PROGRAMMI; QBIL DWAR KIF GĦANDU JIŻDIED IL-FINANZJAMENT GĦALL-KLIMA SAL-2020; TISĦIĦ TAS-SISTEMI TA' MONITORAĠĠ, TA' VERIFIKAZZJONI U TA' RAPPURTAR; U TNAQQIS TAL-FRAMMENTAZZJONI TA' FONDI GĦALL-KLIMA.

CURIA RATIONUM

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

ISBN 978-92-9241-599-0